# Madonna Ta' Pinu

Sena XXXI Vol XII Nru. 154 Lulju - Settembru 2010



## L-Antifona tas-Salve Regina

Rivista maħruġa mis-Santwarju Ta' Pinu - Għawdex

# Madonna Ta' Pinu

Perjodiku ta' kull tliet xhur

**Bord Editorjali:** Dun Gerard Buhagiar (*Editur*), Dun Mikiel Galea, Francesco Pio Attard, Edward Depasquale.

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali*

**Kull korrispondenza għandha tintbagħat hekk:**
***L-Editur,*** *"Madonna ta' Pinu"*
*Ċentru Kulturali Marjan, Ta' Pinu, Għarb*
*Gozo GRB 1704, MALTA.*
*Tel: 2155 6187 Fax: 2156 2350*
*E-mail: tapinupublications@tapinu.org*

**Abbonament għas-sena 2010:**

| | |
|---|---|
| *Lokali* | **€ 6.00** |
| *Ewropa* | **€14.00** |
| *Barra mill-Ewropa* | **€18.00** |
| *Sostenitur* | Offerta Libera |

***Sena XXXI Vol XII Nru. 154***
***Lulju - Settembru 2010***





**Ritratti tal-Qoxra**
***Quddiem:*** Dettal mill-mużajk 'Sultana tal-Paċi', Santwarju Ta' Pinu

***Wara:*** Kalendarju 2011 mis-Santwarju Ta' Pinu

***Disinni fil-bidu ta' kull artiklu:***
*Dettal ta' l-iskultura* - Wistin Camilleri, u Mużajċi li jinsabu fis-*Santwarju Ta' Pinu*

***Ritratti***
*Arkivju Rit. Santwarju Ta' Pinu.*


**stampar:** jdbprinting - tel: 2155 2219



© Copyright Ta' Pinu Publications 2010
*L-ebda parti minn artiklu jew ritratt, li jidhru fuq din ir-rivista ma jistgħu jiġu ppubblikati mingħajr il-permess bil-miktub tal-Bord Editorjali.*


## *F'din il-Ħarġa...*


**1** Il-Kelma tar-Rettur *Sliem għalik... Omm tal-Ħniena*

**3** Il-Quddiesa f'ġieħ Marija Reġina

**4** L-Antifona tas-Salve Regina

**6** Taf x'Qed Titlob: *Riflessjoni fuq is-Salve Regina*

**9** Skola Marjana

**11** Marija fil-Mużika

**14** English Corner *The Salve Regina*

**16** Sliem Għalik: *Talba "Ġenna Spiritwali kollha dija"*

**18** Mill-Ħajja tas-Santwarju

**31** L-Għanja tal-Qaddejja Id-9 parti

**33** A Temple to Our Lady

**34** The Gorney Family give thanks to the Blessed Virgin Mary of Ta' Pinu

**35** Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema...

**36** Preżentazzjonijiet tat-Tfal


### *Intenzjoni ta' din il-Ħarġa*

**Biex il-Verġni Mqaddsa Marija żżomm ħarsitha fuq dawk kollha li qed jieħdu ħsieb il-morda u l-anzjani**




# Sliem għalik... Omm tal-Ħniena

Imiss issa li, wara l-ħarġa speċjali ta' April-Ġunju 2010, nerġgħu nitfgħu ħarsitna fuq l-antifoni Marjani, li bihom il-Knisja fil-Liturġija tagħha tħares lejn il-Verġni Mqaddsa Marija u tfaħħarha.

F'din il-ħarġa sejrin nieqfu fuq waħda mill-aktar antifoni li lkoll nafu u li ta' spiss inlissnu: it-talba tas-*Salve Regina...* it-talba tat-tama, mimlija kollha sentimenti ta' mħabba bejn l-Omm tas-Sema u dawk kollha li qed iterrqu f'dan il-wied tad-dmugħ.

Hija t-talba li tgħaqqad u sserraħ il-qlub, għaliex f'Marija s-Sultana tagħna naraw dik l-Omm kollha ħniena li qatt ma taqla' ħarsitha minn fuq dawk li jfittxu l-ħniena. Iva, Marija hija **Sultana tal-Ħniena** mhux biss għaliex minnha twieled l-Awtur tal-Ħniena, Kristu Ġesu`, iżda wkoll għaliex hija għexet fil-milja tagħhom dawk li nsejħulhom il-Beatitudnijiet imxandra minn Binha. Filfatt Padre Lagrange, studjuż famuż tal-Marjoloġija, jgħidilna li meta Ġesu` għamel id-Diskors tal-Muntanja huwa kellu f'moħħu lil Ommu l-Verġni Marija. Waqt li huwa kien qed jipproklama l-Beatitudnijiet huwa kien qed jilmaħhom preżenti fil-ħajja tal-Omm tiegħu. Tajjeb niftakru li l-Beatitudnijiet huma l-pedament li fuqhom id-dixxiplu Nisrani jeħtieġ li jibni ħajtu.





Huma juruna l-wiċċ kollu mħabba tal-Missier li jidher fi Kristu Ġesu`, u jdewquna l-ħniena ta' Alla. Fl-istess ħin fil-Beatitudnijiet insibu l-missjoni tal-ħajja tagħna. Bla dubju ta' xejn il-Verġni Marija, bħala l-ewwel u l-aqwa dixxiplu tal-Mulej, għexithom fil-milja kollha tagħhom.

Għażiż qarrej/ja, meta tħoss jagħfas fuqek it-toqol tal-ħajja u forsi tħossok li ser tiġi mkaxkar mill-wied tad-dmugħ, ħares lejn is-Sultana tal-Ħniena, itlob l-għajnuna u l-ħniena tagħha, u hija dlonk tnewwillek idejha biex tgħinek u tfarrġek. Fl-istess ħin li hija turik il-ħniena, ħalliha tfakkrek fil-kelmiet ta' Binha Ġesu`: **"Henjin dawk li jħennu, għax huma jsibu ħniena" (Mt 5:7)** u **"Ħennu, bħalma hu ħanin Missierkom" (Lq 6:36)**.

Nistħajjel lill-Verġni Marija ddur lejja "b'dawk l-għajnejn tal-ħniena" u tgħidli: "Għażiż ibni, jiena smajt il-karba tiegħek: nitolbok, illum u mhux għada, ieqaf ftit... idħol fil-kamra tiegħek ta' ġewwa... fil-fond ta' qalbek... u ara għandekx il-ħila tiftakar kemm-il darba l-Mulej wera ħniena miegħek. Tiftakar kemm-il darba ġejt meħlus minn xi periklu? Tiftakar kemm-il darba sibt persuni li għenuk u kienu għalik ta' kuraġġ? Tiftakar fuq kollox kemm-il darba l-Mulej ħafirlek dnubietek u permezz tas-saċerdot qallek: "Dnubietek maħfura... mur fis-sliem"? Mela agħmel kuraġġ, qum u imxi, u kun int ukoll strument tal-ħniena ta' Alla fost ħutek!". ♦





# Il-Quddiesa f'ġieħ Marija Reġina

**minn Patri Anton Farrugia ofm**

Tmint ijiem wara l-Għid tal-Verġni mbierka, nhar it-22 ta' Awwissu, l-knisja tiċċelebra lil Marija bħala Sultana. Nistgħu ngħidu li bħal ma l-Għid il-Kbir tal-Mulej għandu l-ottava, hekk ukoll it-Tlugħ tal-Verġni Marija fis-sema għadu l-ottava tiegħu f'din it-tifkira liturġika tar-Regalita` tagħha.

Tajjeb ngħidu li l-festa ta' Marija Reġina twaqqfet mill-Papa Piju XII bl-Ittra Eniklika *Ad coeli Regina* b'tifkira tas-sena marjana 1954 u kien ried li tiġi ċċelebrata ta' kull sena fit-31 ta' Mejju. It-tiġdid tal-Kalendarju Ġenerali li ġab miegħu r-Riforma liturġika mitluba mill-Konċilju Vatikan II, wassal biex din il-festa tal-Madonna, mill-31 ta' Mejju tiġi trasferita għat-22 t'Awwissu biex tidher aktar ir-Regalita` tal-Verġni Mqaddsa u t-Tlugħ tagħha fis-sema.

Minbarra l-Quddiesa proprja tat-Tifkira li nsibu fil-Messal, il-*ġabra ta' Quddies f'ġieħ il-Verġni Marija,* joffrilna ewkoloġija mill-isbaħ f'Quddiesa oħra li tiċċelebra lill-Verġni mbierka bħala Sultana tal-ħolqien kollu. Din il-Quddiesa tfakkar erba' mill-elementi li, fl-ordni tal-grazzja, wasslu lill-Verġni Marija għad-dinjita` ta' Sultana tal-ħolqien kollu: l-umilta` tagħha, id-dmir tagħha bħala omm, l-interessjoni tagħha, u l-fatt li hi xbieha tal-glorja li l-Knisja għad ikollha.

Il-Verġni mqaddsa Marija hi *sultana glorjuża fis-sema* għaliex fuq l-art kienet "il-qaddejja umli tal-Mulej" (Lq 1, 38-48), għaliex kif jgħid il-Mulej, "kull min jiċċekken, jitkabbar" (Lq 14,11). Għalhekk Alla wara li qiegħed *fuq il-lemin tiegħu mżejjen bil-ġieħ u l-glorja lil Kristu li ċekken lilu nnifsu sal-mewt* (ara Fil 2,8), *għolla fuq il-kori kollha tal-Anġli lill-qaddejja umli tiegħu Marija* (Prefazju).

Marija hija Sultana Omm għaliex hekk għoġob lil Alla kif nitolbu fil-Kolletta: *O Alla int għamilt lill-Verġni Marija, ommna u sultana tagħna* u hija Omm il-Messija Sultan li Alla qiegħed "fuq it-tron ta' David u fuq is-Saltna tiegħu" kif tħabbar il-Liturġija tal-Kelma fl-ewwel qari meħud mill-Profeta Isaija (ara Is 9, 2-4;6-7) u fl-Evanġelju skont San Luqa (ara Lq 1, 26-38).

Bħala avukata tal-grazzja, il-Madonna hija Sultana glorjuża ma' Binha li titlob għall-bnedmin kollha (ara l-Prefazju); sultana li ġġib ix-xbieha tal-glorja li għad ikollha l-Knisja billi dak li diġa' seħħ f'Marija, għad iseħħ fil-membri l-oħra kollha tal-Knisja. Għalhekk fil-Kolletta nitolbu lill-Verġni mbierka biex aħna ilkoll *niksbu fis-saltna tas-sema l-glorja ta' wlied Alla.* U dan għaliex kif is-Saltna ta' Kristu mhix ta' din id-dinja, hekk ukoll is-setgħa ta' Marija bħala Reġina, mhix fl-ordni tan-natura imma fl-ordni tal-grazzja. ♦



# L-Antifona tas-Salve Regina

**mill-Kapp. Dun Nazju Borg**

## Aċċent storiku

Diversi awturi huma tal-fehma li s-Salve Reġina hija l-aktar antifona marjana popolari. San Bernard ta' Clairvaux, Adhemar de Monteil isqof ta' Le Puy li għex madwar is-sena 1080 u Pietru ta' Compostela li għex madwar is-sena 930 huma ta' din il-fehma. Diversi studjużi huma tal-fehma li Herman Contractus, li kiteb diversi biċċiet marjani huwa l-awtur ta' din l-antifona. Hemm storja marbuta ma' l-aħħar tliet invokazzjonijiet tas-Salve Reġina. Fl-arkivju tal-katidral ta' Spires naqraw li l-aħħar tliet invokazzjonijiet ġew miżjuda minn San Bernard (1091-1153). L-istorja tirrakkonta li din l-antifona kienet tispiċċa bil-kelmiet *u wrina.* Ġara li meta San Bernard kien delegat tal-Papa fil-Ġermanja, sema' dan l-innu jitkanta fil-Katidral ta' Spires x'aktarx f'lejliet il-Milied, niżel għarkobbtejh, u f'mument ġietu l-ispirazzjoni u żied il-kelmiet: *O ħanina, o pija, u ħelwa Verġni Marija.* Dawn it-tliet kelmiet baqgħu jiġu repetuti tul is-snin u erba' ġebliet f'dan il-katidral jimmarkaw il-post fejn San Bernard niżel għarkobbtejh.

Din l-antifona hija marbuta mat-talb ta' filgħaxija. Fr. Juniper B. Carol, jikteb fit-tielet volum tal-Marjoloġija tiegħu li kienet tiġi reċitata wara l-kompieta. Kien hemm ukoll drawwa monastika, li s-Salve Reġina kienet tiġi ntonata fil-knisja u mbagħad l-irħieb kienu jkantawha purċissjonalnent waqt li jimxu lejn il-post tal-mistrieħ. U kienet tkun l-aħħar kliem tal-jum, għax wara kien ordnat is-silenzju.

Dan l-innu kien popolari ħafna u kien jintuża bħala parti mir-rit tat-tberik tal-vapuri, u kien il-qalba tat-talba ta' għeluq il-jum għal dawk li kienu jivvjaġġaw fuq il-baħar. Infatti dan l-innu nsibuh kemm il-darba msemmi fid-djarju tal-esploratur Kristofru Kolombu.

Barra minn dan kienet talba popolari fi żmien il-Medju Evu fl-universitajiet bħala innu ta' filgħaxija, anki kienet titkanta qabel il-barka sagramentali. Fil-Medju Evu u fi żmien ir-Rinaxximent is-Salve Reġina kienet titkanta b'mod speċjali s-Sibtijiet filgħaxija. Fl-aħħar waslet biex tkun parti mit-talb liturġiku ta' ħafna monasteri, kif ukoll parti mit-talb ta' ħafna ordnijiet reliġjużi.

Kemm Erażmu kif ukoll Luteru sibu fis-Salve Reġina talba li kienet tgħolli ż-żejjed lil Marija fl-istorja tas-Salvazzjoni. Maż-żmien din it-talba saret simbolu tal-Marjoloġija Tridentina. San Pietru Kanasju (+1597) biex jiddefendi

l-pożizzjoni kattolika kontra Erażmu u Luteru qal li aħna nfaħħru lil Omm Alla, fil-mod partikulari li Hu (Alla) wettaq fiha, meta aħna nfaħħruha permezz tal-kant.

Is-Salve Reġina ġiet ukoll użata fl-ewwel parti tat-trattat ta' San Alfons Marija de Liguori l-Glorji ta' Marija, li ġie ppublikat fl-1750 u għandu 'l fuq minn tminn mitt edizzjoni. Fl-aħħar din it-talba tas-Salve Reġina ġiet maqluba għal-lingwa tal-post b'ordni tal-Papa Ljun XIII biex tingħadd wara l-quddies ferjali. Din ir-regola baqgħet sa r-riforma tal-Konċilju Vatikan II.

Din it-talba tas-Salve Reġina maż-żmien ġiet immużikata minn diversi mużiċisti famużi għalkemm mhux daqs l-antifoni marjani l-oħra fosthom Leonel Power fis-sena 1445, Johannes Ockeghem fl-1496, Orlando di Lasso fl-1594, Joseph Haydn 1809, u fl-aħħar Marcel Dupre fl-1971.

## Riflessjoni Teoloġika

Il-kapitlu 8 tal-kostituzjoni dommatika Lumen Gentium, il-Konċilju Vatikan II poġġa r-rwol ta' Marija fi ħdan il-poplu t'Alla. Il-kelma antika avukata, użata diversi drabi mill-Missirijiet tal-Knisja, titlu li ngħata lil Marija fis-Salve Reġina kien ikkwotat f'paragrafu 62. Anki l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jiddedika diversi paragrafi lil Marija. "Marija hija membru partikularment uniku tal-Knisja"; hija eżempju tassew speċjali tal-Knisja futura (KKK 967).

L-irwol tagħha f'relazzjoni mal-Knisja kif ukoll mal-umanita` huwa tassew importanti tant li LG 61 jgħid: *"...hi kellha sehem speċjali fil-ħidma tas-Salvatur, u bl-ubbidjenza tagħha, bil-fidi, it-tama u l-ħeġġa tal-karita` tagħha, hi kkooperat miegħu biex l-erwieħ jiksbu mill-ġdid il-ħajja sopranaturali."* Anki L.G. 62 ikompli flimkien mal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika: *"Marija bdiet tkun Ommna fil-pjan tal-grazzja sa minn mindu hi tat il-kunsens tagħha għat-tħabbira ta' l-anġlu, kunsens li hi żammet bla eżitazzjoni taħt is-salib; u għadha u tibqa' ommna sa ma sseħħ għal kollox il-ġemgħa tal-magħżulin kollha. Għax għalkemm ittellgħet fis-sema, hi ma telqitx minn taħt idejha din il-ħidma għas-salvazzjoni tagħna imma għadha tidħol għalina b'kull mod biex Alla jagħtina l-grazzji meħtieġa għas-salvazzjoni ta' dejjem. Fl-imħabba tagħha ta' omm hija taħseb il-ħin kollu f'dawk l-aħwa ta' Binha li, fit-triq tagħhom lejn is-sema, għadhom jitħabtu fost perikli u diffikultajiet, u tibqa' tieħu ħsiebhom sa ma jidħlu fil-patrija tal-hena. Għalhekk fil-Knisja l-Verġni mbierka tissejjaħ bl-ismijiet ta' Avukata, Awżiljatriċi, Għajnuna, Medjatriċi."*

Din hi t-tifsira tas-Salve Reġina. Aħna nemmnu li hi telgħet is-sema iżda ma' nsietx lilna pellegrini fuq din l-art. Hi tgħinna biex aħna nwettqu r-rieda t'Alla. Hi timliena bit-tama li bħalma hi tinsab ħdejn Binha fil-glorja għad inkunu aħna lkoll jekk nimxu bħala wara Binha.

## Is-Salve Reġina Ilum

It-talba tas-Salve Reġina hija magħrufa sew fl-ambjent kattoliku speċjalment fejn tidħol il-Liturġija tas-Siegħat. Membri tal-komunitajiet reliġjużi, komunitajiet monastiċi, dawk li qegħdin fil-formazzjoni fis-Seminarji, u diversi grupp ta' lajċi speċjalment dawk li huma ta' ispirazzjoni marjana fosthom dawk li jirreċitaw ta' spiss it-talba tar-rużarju. Dawn jagħlqu t-talb jew il-jum tagħhom bil-kant tas-Salve Reġina. Permezz tat-talba tas-Salve Reġina aħna niġbru flimkien il-qaddisin u l-midinbin tad-dinja, flimkien mal-anġli u l-qaddisin tas-sema biex irroddu ħajr lil din il-mara li ġabitilna lil Ġesu` Kristu, it-Triq il-Verita` u l-Ħajja. Filwaqt li nitolbuha sabiex tgħinna biex nagħrfu, inħobbu, u naqdu lilu kif għamlet hi.

Fi kliem San Alfons Marija di Liguori fil-ktieb tiegħu l-*Glorji ta' Marija:* Ir-reġina tagħna tinsab dejjem quddiem il-ħniena divina tidħol għalina bil-qawwa tat-talb tagħha. U billi tinsab fil-ġenna hi tkun taf il-miżerji u x-xewqat tagħna, hi ma' tagħmilx għajr li tkun qribna, u tissaportjana, b'qalb ta' omm, timxi magħna bil-ħlewwa u ħniena, hi dejjem lesta li tgħinna biex niksbu s-salvazzjoni. ♦



# Tafx'qed Titlob?

## Riflessjoni fuq it-talba "Salve Reġina"

*minn Dun Alex Refalo*

### "Sliema għalik, Sultana, omm tal-ħniena, ħajja ħlewwa u tama tagħna"

Il-midneb, il-muġugħ, dak li jinsab fil-bżonn ser jersaq lejn Marija. Isellmilha bil-kelmiet: "Ifraħ (Sliem) Omm is-Sultan tas-Slaten", għax omm is-Sultan hija dejjem Sultana! Jersaq lejha jitlobha bħala omm il-ħniena għax jekk is-sultana Ester, b'qalbha mimlija ħniena għall-poplu tagħha talbet lis-sultan Asweru qalgħet il-ħelsien tal-poplu Lhudi li kien destinat li jinqered (ara Est 7,1-8), kemm aktar tagħmel din is-sultana li hija fl-istess waqt omm! B'qalb ta' omm u bis-setgħa ta' sultana tersaq quddiem it-tron ta' Alla biex taqbeż għal uliedha li jinsabu fil-bżonn.

It-tama tagħna tinsab għalhekk f'Marija. Jekk "Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni" (Ġw 3,16) nistgħu bl-istess mod ngħidu: Marija hekk ħabbet lill-bnedmin (lid-dinja) li tatna lil Binha l-waħdieni. U jekk tatna lil Binha "kif ma t(j)agħtiniex ukoll kollox miegħu?" (Rum 8,32). Kif tista' għalhekk ma tidħolx għalina u tgħinna spejalment f'mumenti ta' tiġrib?

Insejħulha bħala "ħajja ħlewwa". Is-silta mill-ktieb tal-Proverbji toqgħod għal Marija: "Għax min isib lili jsib il-ħajja, u jikseb l-imħabba tal-Mulej" (Prov 8,35). Hija mhux biss l-omm li tagħti l-ħajja imma tkompli tieħu ħsiebha. Hekk tagħmel Marija, tkompli tħarisna u tqarribna iktar lejn Binha.

Aħna u nersqu lejha nkunu ntennu lill-Mulej mas-salmista: "salva l-iben tal-qaddejja tiegħek" (Salm 86,16). Qed ngħidu: Salva lili li jien iben ta' dik li sejħet lilha nfisha qaddejja tiegħek (ara Lq 1,38).

### "Sliem għalik, lilek ingħajtu, għaliex aħna tturufnati wlied Eva"

"Fid-dnub nisslitni ommi" (Salm 51,7). Aħna twelidna fid-dnub, ulied Eva l-midinba. Id-dnub

tagħna dejjem quddiema (ara Salm 51,5) u jpoġġina 'l bogħod minn Alla. Hemmhekk, minn dak "il-bogħod" toħroġ il-karba jew l-għajta ta' wliedha, l-aħna li rċevenieha bħala omm ġdida tagħna, biex tħaffef tidħol għalihom u teħlishom mill-piż u x-xibka tad-dnub. Bejnha u bejn id-dnub hemm ġlieda: "U jiena inqajjem mibegħda bejnek u bejn il-mara, bejn nislek u nisilha" (Ġen 3,15) u f'din il-ġlieda toħroġ rebbieħa hi u dawk kollha li jkunu marbutin magħha. Għalhekk il-midneb, l-itturufnat lilha jgħajjat għall-faraġ u l-għajnuna.

Jekk Marija, wasslet lil Binha jagħmel miraklu f'Kana (ara Ġw 2) biex koppja miżżewġa ma tħosshiex f'diffikulta` (u dan bla ma kienu talbuha huma!), kemm iżjed tagħti każ u tinterċiedi quddiem Binha jekk aħna uliedha nersqu lejha nitolbuha: "Itlob għalina midinbin".

## "lilek nitniehdu, aħna li nibku u nolfqu f'dan il-wied tad-dmugħ"

Il-biki u l-ilfieq huma l-frott tas-slaleb, ta' l-iżbalji tagħna u tad-dnub. Huma wkoll frott ta' l-għafsa ta' qalb li ġġib magħha l-indiema u x-xewqa għall-ħbiberija mill-ġdid m'Alla. Dan l-abbiss ta' uġiegħ-il qalb isir il-post li minnu l-imsejken iħares lejn Marija u jitlobha bit-tama f'qalbu. Għalhekk fit-talba tal-Litanija nsejħulha bit-titli: "Saħħa tal-morda", "Rifuġju tal-midinbin", "Faraġ ta' l-imnikktin", "Għajnuna ta' l-insara"... biex titlob għalina quddiem Alla.

## "Ejja, mela, avukata tagħna"

Huwa minnu li Ġesu` kien joqgħod għal Marija: "u kien joqgħod għalihom" (Lq 2,51) ladarba kienet dejjem tfittex tagħmel ir-rieda t'Alla. Issa, fis-sema, għalkemm ma tistax tikkmanda lil Binha, it-talbiet tagħha jibqgħu dejjem it-talb ta' omm lil Binha. Ir-Reġina ma tistax ma tgawdix wkoll mill-privileġġi tar-Re.

Marija qed tagħmel il-ħidma ta' 'avukata difensur'. Qiegħda hemm biex tiddefendi, tara dak il-ftit tajjeb tal-bniedem u tressqu quddiem Binha Ġesu`. Hija ssemma' leħinha u Ġesu` Binha u l-Għarus ħerqan jisma' t-talba tagħha: "Int li tgħammar fil-ġonna, sħabi qegħdin b'widnejhom miftuħa għal leħnek: semmagħhuli!" (Għanja 8,13). Il-ħbieb ta' l-għarus m'huma ħadd ħlief il-qaddisin tas-sema. F'dak il-leħen ta' Marija hemm ix-xewqat profondi ta' omm lejn uliedha. Dak li darba qal f'liġi: Weġġaħ lil missierek u 'l ommok - u li Ġesu` ma ġiex biex iwaqqa' l-liġi imma biex iwassalha sal-milja tagħha (ara Mt 5,17) - ma jistax issa jmur kontra dak li jemmen fih. Marija kull darba li tersaq għand Alla u għand Binha Ġesu` ser tiġi mweġġħa, rispettata, mismugħa.

L-avukata taqbeż għal dawk fil-bżonn, l-iżjed għall-midinbin. Għalhekk l-unika tama għal dawk li jinsabu mgħarrqa fil-vizzji, maqfula fil-ħabs tad-dnub, għajjiena fil-kumbattimenti tagħhom kontra l-ħażen... hija fiha. Issir l-avukata ta' dawk li lejha jirrikorru, dejjem lesta tidħol għalina.

L-istorja ta' Abigajl hija mera ta' l-interċessjoni ta' Marija. Din il-mara bit-talb tagħha kienet kapaci tikkalma l-qalb tar-re David meta kien mgħaddab kontra Nabal. Tant li huwa wasal iberikha u jgħidilha: "Mbierek l-għaqal tiegħek, u mbierka int li ma ħallejtnix illum inxerred id-demm u nitħallas b'idejja" (1 Sam 25,33). Bir-raġun il-kelmiet dwar l-għerf jgħoddu wkoll għal Marija: "Għax *Marija hi* (hu) għall-bniedem teżor bla qjies; dawk li jiskbuha jsiru ħbieb Alla" (Għerf 7,14).



## "dawwar lejna dawk l-għajnejn tiegħek tal ħniena"

Filwaqt li: "Għajnejn il-Mulej lejn il-ġusti" (Salm 34,16), l-għajnejn ta' Marija huma kemm fuq il-ġusti kif ukoll fuq il-midinbin, dawk li b'qalbhom imbikkija jersqu lejha biex isibu l-kenn fil-qalb tagħha ta' omm. Kien għalhekk li Sant'Epifanju jsejjaħ lil Marija "Multoculam", dik li hija kollha għajnejn, attenta dejjem għall-bżonnijiet ta' uliedha.

Forsi dawk l-għajnejn li bkew f'Sirakuża fi Sqallija, fil-1953, mhumiex l-għajnejn ta' dik l-omm imbikkija li qed tersaq lejn it-tron ta' Binha biex ikollu ħniena minn dawk uliedha għattxana għall-grazzji tiegħu?

## "Urina, wara dan it-turufnament lil Ġesu` frott imbierek tal-ġuf tiegħek"

Imbagħad, wara dan it-turufnament, wara t-taqtiegħa tal-ħajja, Marija ser tkun hi li tlaqqgħana ma' Ġesu` Binha fil-ġenna. Kif tista' omm ma tippruvax tagħmel minn kollox biex issalva lil uliedha milli jispiċċaw fil-ġudizzju tal-mewt ta' dejjem? Fit-talba: "Mulej nħobb id-dar ta' l-għamara tiegħek... tgħoddnix man-nies midinba" (Salm 26,8-9) hemm l-interċessjoni ta' Marija. Jekk il-ġuf ta' Marija kien id-dar fejn Ġesu` tqiegħed qabel ma twieled, id-devot ta' Marija qed jitlob hekk lil Alla: "Mulej, għax jiena nħobb lil dik li laqgħetek f'darha, tħallinix nintilef għal dejjem"; u "Mulej, għax jiena nħobb in-nies tad-dar li jgħammru fid-dar tiegħek tas-Sema, fuq kollox lil Marija, tħallinix ma' niltaqgħax miegħek u magħhom fil-ħajja ta' dejjem".

Hu għalhekk li l-Knisja ssejjaħ lil Marija "Bieb tas-Sema" (*Ianua caeli*), għax takkompanjana għall-ġenna. Kif darba kienet bieb biex Kristu seta' jiġi fostna u jgħix magħna bħala bniedem, hekk issa tibqa' tkun il-bieb biex aħna mmorru ngħixu miegħu għal dejjem. Hu proprju fid-daħla tal-ġenna li kull nisel - id-devoti tagħha - jibda jsejjaħ lil Marija ħienja (ara Lq 1,48) għax kien mertu tagħha li kiseb is-salvazzjoni.



## "O ħanina, o pija, o ħelwa Vergni Marija"

Dik li hija kollha ħniena, pjeta`, ħniena taf tagħti biss minn dak li għandha, għax: "Kull siġra tajba frott tajjeb tagħmel" (Mt 7,17). B'dan f'moħħna u f'qalbna ejjew nersqu lejn Marija: "ħa nersqu mela, b'qalbna qawwija lejn it-tron tal-grazzja, biex naqilgħu ħniena u nsibu f'waqtha l-grazzja li neħtieġu" (Lhud 4,16). San Bernard jgħidilha: "O Marija, int ħanina ma' dawk li jinsabu fil-miżerja, pija lejn dawk li jitolbuk, ħelwa lejn dawk li jħobbuk".

"Jekk jogħġbok, ħallini nixrob qatra ilma mill-qolla tiegħek", jistaqsi lil Rebekka l-qaddej ta' Abraham, u hija twieġbu: "Ixrob, ja sidi... ħa nimla wkoll għall-iġmla tiegħek, sakemm jixorbu sa jixbgħu" (Ġen 24,17-19). Kull bniedem huma l-qaddej ta' Alla u qed jittallab did-darba mingħand Marija dak li jeħtieġ fir-ruħ u l-ġisem. Hi bħal Rebekka tagħti minn dak li għandha bl-abbundanza.

* * * *

Għaliex nibqa' lura milli nersaq lejn Marija f'kull ħtieġa li nsib ruħi fiha? Fhimt biżżejjed x'inkun ngħid jiena u nirreċita t-talba tas-Salve Reġina? ♦



# Skola Marjana

minn John Formosa

## Marija Reġina

Għalkemm kien fl-1954 li l-festa liturġika ta' Marija Reġina ddaħlet l-ewwel darba fil-Knisja, b'dankollu dan it-titlu ta' Reġina huwa wieħed qadim ħafna fost l-Insara u jmur lura mill-inqas sas-seklu 4.

L-insara ilhom sekli sħaħ isejħu ta' spiss lil Marija bit-titlu ta' Reġina: biżżejjed insemmu t-talba tant magħrufa tas-*Salve Regina* (Sliem għalik, Sultana) li taf il-bidu tagħha fis-seklu 11, kif ukoll il-ħames misteru tal-Glorja li fih infakkru *"meta Sidtna Marija ġiet inkurunata mit-Trinita` Qaddisa"*. Nagħtu wkoll dan it-titlu lil Marija diversi drabi fil-Litanija Lawretana. Anki fl-ikonografija nisranija nsibu diversi pitturi li juru l-inkoronazzjoni ta' Marija bħala Sultana tas-sema u l-art.

Fost l-insara t-titlu ta' Reġina lil Marija kompla jissaħħaħ u jixtered mal-medda taż-żmien u daħal sewwa fil-prattika reliġjuża sakemm il-Papa Piju XII ħass li kien wasal iż-żmien biex iwaqqaf formalment il-festa liturġika tar-Regalita` ta' Marija bħala tifkira tal-ewwel Sena Marjana tal-1954. Għal dik l-okkażjoni, dan il-"Papa Marjan", fil-11 ta' Ottubru ta' dik is-sena, ħareġ l-enċiklika *Ad Caeli Reginam* (= Lis-Sultana tas-Sema) li fiha jitkellem fit-tul fuq id-dinjita` regali ta' Marija.

Fl-enċiklika *Ad Caeli Reginam* il-Papa Piju XII jagħti tagħlim interessanti fuq ir-regalita` ta' Marija u jġib ħafna argumenti biex juri kemm dan it-titlu ta' Marija Reġina jixraq lil Omm Ġesu`. L-argumenti tiegħu jvarjaw minn argumenti bbażati fuq il-Bibbja, għal kitibiet ta' Missirijiet il-Knisja, u argumenti teoloġiċi mibnijin anki fuq ir-raġuni.

Kif kien jixraq, bħala l-ewwel argument favur it-titlu ta' Marija, Piju XII jitkellem fuq dak li nsibu fil-Bibbja. Hu jikkwota b'mod speċjali żewġ siltiet mill-ewwel kapitlu ta' San Luqa, jiġifieri: (a) il-kliem tal-anġlu Gabrijel lil Marija li fih ħabbrilha li s-saltna ta' Binha ma kellux ikollu tmiem (Lq 1, 32-33), u (b) il-kliem ta' Eliżabetta li sellmet lil Marija li marret iżżurha u sejħitilha "Omm il-Mulej tiegħi" (Lq 1,43). Dawn it-testi juru b'mod ċar li, minħabba d-dinjita` regali ta' Binha, hija (Marija) tippossjedi kobor u eċċellenza li tagħmilha unika.

Wara li Piju XII isemmi x'jgħidu Missirijiet il-Knisja fuq dan it-titlu, u jikkwota dawk l-aktar importanti minnhom, hu mbagħad jagħti



argumenri teoloġiċi, u jgħid li l-Maternita` Divina ta' Marija u s-sħubija tagħha fil-ħidma tal-Fidwa jagħtuha dan it-titlu ta' ġieħ. Huwa jikteb: *"Ġesu` Kristu waħdu, Alla u bniedem, hu sultan fis-sens sħiħ, proprju u strett tal-kelma." – "Ir-regalita` ta' Marija hija parteċipazzjoni fid-dinjita` regali ta' Ġesu` Kristu, imma b'manjera limitata u anagoġika."* Il-Papa jgħid li din id-dinjita` tinkludi tliet aspetti jew funzjonijiet: (a) *Pre-eminenza* jew *primat ta' eċċellenza*, għax Marija *"tisboq fid-dinjita' l-kreaturi kollha"*; (b) *Setgħa regali*, li tagħtiha l-awtorita` li tqassam il-frott tal-Fidwa; u (c) *Effikaċja li ma tispiċċax ta' interċessjoni ma' Binha u l-Missier. "Wieqfa fuq il-lemin tal-Iben waħdieni tagħha, Sidna Ġesu` Kristu, hija tinterċedi bil-qawwa għalina b'talb ta'omm, u dak li tfittex issibu, u ma tistax titlob bla ma tkun mismugħa."*

Għedna li l-festa liturġika ta' Marija Reġina kienet introdotta mill-Papa Piju XII fl-1954. Imma diġa` qabel, f'nofs it-Tieni Gwerra Dinjija, i.e. fil-31 ta' Ottubru 1942, dan l-istess Papa kien ikkonsagra d-dinja lill-Qalb Immakulata ta' Marija, Omm u Sultana.

Il-jum li fih il-Papa Piju XII għażel għall-festa ta' Marija Reġina kien il-31 ta' Mejju, biex tkun bħala għeluq tax-xahar dedikat lil Omm Alla, jum li fih f'diversi parroċċi kienet issir iċ-ċerimonja tal-inkurunazzjoni ta' statwa jew xbieha tal-Madonna. Imma din id-data nbidlet meta saret ir-riforma tal-Kalendarju Liturġiku li seħħ wara l-Konċilju Vatikan II, u issa l-Knisja qed tagħmel il-Festa ta' Marija Reġina fl-ottava tal-festa tat-Tlugħ tagħha fis-sema, it-22 ta' Awissu. bħalma l-ħames misteru tal-Glorja tar-Rużarju jiġi wara r-raba' wieħed.

Din il-festa għandha tfakkarna fid-dinjita` ta' Marija bħala kooperatriċi intima u volontarja ma' Binha f'kull pass tal-missjoni ta' fidwa tiegħu u trid tenfasizzalna l-inizjattiva tagħha kollha mħabba bħala Omm tal-ħniena. ◆



# Marija fil-Mużika

minn Ivan Attard,
l-Organista tas-Sanwarju Nazzjonali
tal-Madonna Ta' Pinu






Wara li fl-artiklu preċedenti tajna ħarsa ħafifa lejn numru ta' kompożizzjonijiet mużikali relatati mal-Verġni Marija, illum imiss li nibdew nagħtu informazzjoni dwar innijiet speċifiċi li nsibu fil-Liturġija bil-għan li nitgħallmu napprezzaw is-sbuħija tagħhom. Illum ser nagħti tagħrif dwar **l-innu SALVE REGINA.** Fis-seklu 12, dan l-innu ddaħħal fl-Uffiċċju Divin u minn dak iż-żmien 'l hawn, għadu jintuża fil-Liturġija tal-Knisja Kattolika. Is-*Salve Regina* hija użata bħala konklużjoni tat-talba tar-Ružarju u bħala waħda mill-erba' antifoni Marjani li nsibu fil-Liturġija tas-Sigħat u li permezz tagħhom jingħalaq it-talb tal-jum.

Mill-aspett mużikali, kienu bosta l-kompożituri li kitbu melodiji mill-iktar sbieħ fuq il-lirika ta' dan l-innu popolari f'ġieħ il-Verġni Marija. Forsi l-aktar melodija li hija familjari magħna hija l-melodija sempliċi li ġejja mill-epoka tal-kant Gregorjan miktuba minn Henri Dumont fis-seklu 17. Il-kritiku Dom Pothier stqarr li din il-melodija saret popolari fi żmien qasir u rnexxielha tissupera l-melodija sempliċissima li Herman Contractus jew Pietru ta' Kompostela kienu kitbu għall-ħabta tas-seklu 15. Melodiji tas-*Salve Regina* b'vuċi waħda jinstabu wkoll fix-xogħlijiet mużikali ta' Viadana, Praetorius, Banchieri, Cavalli, Costanzi, Carissimi, Foggia, Legrenzi, Terziani, Mazzocchi Sarti, Tarditi u Vallotti.

Biż-żmien, il-Kant Gregorjan, li kien jitkanta b'vuċi waħda minn Kor maskili, beda jiġi sostitwit b'Kant polifoniku li huwa aktar solenni. Il-polifonija hija tip ta' kant magħmul minn diversi vuċijiet. Il-forma l-aktar segwita hija l-SATB fejn il-Kor, magħmul minn irġiel u nisa, jiġi maqsum f'erba' vuċijiet li huma soprani, kontralti, tenuri u baxxi. Meta l-partijiet mużikali individwali jitkantaw f'daqqa, dawn joħolqu armonija mużikali mill-aqwa. Bil-għan li jiġi mħares it-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II li l-kongregazzjoni preżenti għaċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa għandha tipparteċipa bis-sħiħ fil-kant, illum jeżistu diversi kompożizzjonijiet ta' mużika alternata bejn il-Kor li jkanta bil-vuċijiet u l-miġemgħa li tipparteċipa b'kant

miktub b'vuċi waħda. Fost l-eżempji ta' *Salve Regina* miktuba għal tliet vuċijiet akkumpanjati mill-orgni, wieħed ta' min isemmi l-kompożizzjoni ta' Paul Hofhaimer (1459-1537). Din il-mużika ġiet elaborata aktar fil-fond mill-mużiċisti Hans Kotter u Johannes Schrems li kienu studenti ta' Hofhaimer. Il-kompożituri ċelebri Lasso, Marenzio, Vittoria, Palestrina u Aichinger ħallewlna monumenti insuperabbli ta' *Salve Regina* immużikata.

## Giovanni Pierluigi da Palestrina

Giovanni Pierluigi Da Palestrina twieled fit-3 ta' Frar 1525 u miet fit-2 ta' Frar 1594. Huwa kien kompożitur taljan ta' żmien ir-Rinaxximent li baqa' magħruf għan-numru kbir ta' xogħlijiet mużikali bil-vuċijiet li ħallielna. Huwa kiteb 105 Quddisiet (Kyrie, Gloria, Credo, Sanctus u Agnus Dei), 68 innu tal-offertorju, 300 motett sagru, 72 innu liturġiku, 35 *Magnificat*, 11-il litanija u ħames settijiet ta' lamentazzjonijiet fost oħrajn. Palestrina kiteb ukoll erba' *Salve Regina* maqsumin b'dan il-mod: waħda b'erba' vuċijiet li tinsab fit-tieni ktieb tal-motetti sagri, oħra b'ħames vuċijiet li nsibuha fil-ħames ktieb tal-motetti sagri, oħra b'sitt vuċijiet u oħra bi tmien vuċijiet. Dawn il-manuskritti jinsabu konservati fl-arkivji tal-Oratorju ta' San Filippu Neri fil-Knisja ta' Santa Maria in Vallicella u fil-Cappella Giulia. Is-*Salve Regina* b'ħames vuċijiet hija l-aktar waħda solenni u tilħaq, jekk mhux anke tissupera, il-majestożita` tal-*Missa Papae Marcelli* li skont it-tradizzjoni, kienet ġiet miktuba biex tipperswadi lill-Konċilju ta' Trentu ma jabolixxix il-polifonija fil-mużika sagra.

## Marc Antoine Charpentier

Dan il-kompożitur prolifiku u versatili twieled f'Pariġi fl-1643 u miet fis-sena 1704. Ix-xogħlijiet mużikali tiegħu jinkludu oratorji, Quddies, opri u xi biċċiet żgħar li huwa diffiċli biex tikkategorizzahom. Xi xogħlijiet sagri li għandu huma *Extremum Dei judicium, Missa assumpta est Maria, Dixit Dominus, In*



*nativitatem Domini canticum, Panis quem ego dabo* u oħrajn. Ma tonqosx is-*Salve Regina* miktuba għal tliet vuċijiet akkumpanjati mill-orkestra. Din il-kompożizzjoni għandha melodija penetranti u tal-widna, passaġġi korali mill-aktar sbieħ u intermezzi orkestrali tal-aqwa finezza. Din hija waħda mill-aqwa xogħlijiet ta' Marc Antoine Charpentier.

## Giovanni Battista Pergolesi

Pergolesi twieled fl-4 ta' Jannar 1710 u miet fis-17 ta' Marzu 1736. Din is-sena, id-dinja mużikali qed tiċċelebra t-300 sena mit-twelid ta' dan il-kompożitur, vjolinista u organista taljan. Huwa kiteb erba' *Salve Regina*, kull waħda minnhom bil-karatteristiċi partikolari tagħha. Hekk, per eżempju, l-ewwel *Salve* hija verament tislima nobbli u solenni lil Marija, Sultana tal-bnedmin kollha. Il-mod ta' kif inhi miktuba l-melodija teżiġi li min jismagħha juri l-imħabba tiegħu/ha lejn din l-Omm tas-Sema. Fl-aħħar parti tagħha, mal-kelmiet 'o ħanina, o pija', il-melodija hija sublimi ħafna. Maqsuma bejn żewġ vuċijiet akkumpanjati minn kontrapunt fuq il-vjolini, Pergolesi xtaq jagħti sens ta' talba korali, kollettiva u universali li din il-kompożizzjoni tiegħu. Din it-tattika kien diġa' użaha meta kien qed jimmużika l-innu marjan *Stabat Mater* li huwa kkunsidrat bħala l-aqwa biċċa xogħol mużikali li kiteb matul il-karriera qasira tiegħu li ġiet fi tmiemha bil-marda qerrieda tat-tuberkulożi.

## Kompożituri oħrajn

Hemm bosta kompożituri oħra li mmużikaw is-*Salve Regina*. Huwa impossibbli li jissemmew kollha imma f'dan l-artiklu ser nagħti elenku tal-kompożizzjonijiet ta' dan l-innu li l-akbar li baqgħu popolari:

| | |
|---|---|
| Johann Christian Bach (1735 - 1782) | 1 |
| Vincenzo Bellini (1801-1835) | 1 |
| Antonio Bartali (1605-1669) | 21 |
| Luigi Bottazzo (1845-1924) | 1 |
| Francesco Catugno (1782-1847) | 1 |
| Domenico Cimarosa (1749-1801) | 1 |
| Gaetano Donizetti (1797-1848) | 1 |
| Franz Joseph Haydn (1732-1809) | 2 |
| Leopold Hofmann (1738-1793) | 10 |
| Charles Hollandre (?-1750) | 12 |
| Antonio Lotti (1666-1740) | 4 |
| Johannes Mangon (?-1578) | 8 |
| Claudio Monteverdi (1567-1643) | 3 |
| Davide Perez (1711-1778) | 2 |
| Giovanni Ristori (1692-1753) | 6 |
| Franz Schubert (1797-1828) | 7 |
| Maximilian Stadler (1748-1833) | 10 |
| Joseph Gregor Werner (1695-1766) | 44 |
| Niccolo Antonio Zingarelli | 31 |




Din il-lista, li tinkludi wħud mill-kompożituri li kitbu melodiji fuq l-innu *Salve Regina*, hija xhieda tal-popolarita' li jgawdi dan l-innu Marjan. Ejjew nitgħallmu napprezzaw aktar il-mużika li tindaqq fil-knejjes tagħna u nkomplu nfaħħru lill-Verġni Marija bil-kant tagħna! ♦

---

**Nota:**

Biex seta' jiġi prodott dan l-artiklu, saret riċerka minn dawn is-sorsi:

- Pellegrino Santucci, *La Madonna nella Musica (volume II)* u
- Saint Alphonsus Liguori, *The Glories of Mary*



# The Salve Regina

Rev. Emanuel Magro

*Hail, holy Queen, mother of mercy,*
*our life, our sweetness, and our hope.*
*To you do we cry,*
*poor banished children of Eve.*
*To you do we send up our sighs*
*mourning and weeping in this vale of tears.*
*Turn then, most gracious advocate,*
*your eyes of mercy toward us,*
*and after this exile*
*show us the blessed fruit of your womb, Jesus.*
*O clement, O loving,*
*O sweet Virgin Mary.*

The Salve Regina is one of the four Marian antiphons that the Church has been saying from time immemorial in its official prayer, *The Liturgy of the Hours*. The earliest known written text of this prayer dates from the early eleventh century. Its author or authors is lost to us. Yet this antiphon is the most well known by Christians. Many close their recitation of the Rosary with this antiphon to Mary.

When one looks closely at this antiphon, one is struck by the many titles given to Mary: Queen, Mother, Advocate and Virgin. Are Christians trying to bestow on Mary all the honours they can imagine to cajole her to listen to their prayers? Are they flattering her, because they want something from her? Or are these titles the most appropriate and succinct way to express her role in the history of salvation? It seems that through these four titles Christians want to underscore the main aspects of Mary's life and her relationship with God through her Son, Jesus by virtue of the Holy Spirit.

They call her "Queen," the highest honour one can confer on a woman in ancient western civilization that was organized around monarchy. She is close to the King, next to him. She enjoys the highest position imaginable. She is a powerful woman. Yet her queenship is not of this earth. She is queen of heaven and earth and resides with her Son in heaven. Christians believe that Mary was taken to heaven body and soul. She is now in that state of resurrected life that is promised by Jesus the Christ to all that follow him.

In spite of the fact that she is in highest heaven, she shares the fate of commoners. She is Mother. A title that recalls the Annunciation as well as the Crucifixion. God called her to be the mother of his only begotten Son. She accepted God's invitation and by the power of the Holy Spirit she conceived and gave birth to Jesus. Her own Son dying nailed to a cross invited her to become the mother of his disciples. As she did at the Annunciation Mary accepts once again and she becomes the mother of us all.

But Mary is not the mother of Jesus and our mother. She is "mother of mercy." Christians appeal to her compassion. They know that like them she have experienced the joys, thrills, difficulties and sorrows of human life. They implore her to remember her own troubles that she faced knowing and trusting that she can best understand their current human situation: that of sighing, "mourning and weeping in the vale of tears."

For this reason they address her as "our life, our sweetness, our hope." Mary's own life inspires them. She was generous, virtuous, she faced the troubles of life trusting in God; she suffered, she died, but now she is alive next to her Son in heaven. Life has triumphed over death. Her weeping has changed into joy. There is always hope in spite of the despairing moments of human life. By looking at Mary Christians are encouraged. There is no reason to give up, to become embittered, to lose hope. Mary went all through this before us.

She is a mother and yet she did not lose her virginity. She is a "clement, loving, sweet Virgin." She has not lost the joy of living, the charm and sweetness of a virgin, the vitality of love. She is pure. She empathizes with the followers of her son.

By calling her Virgin, Christians want to recall the mystery of the incarnation. Mary is intrinsically bound with her son, Jesus. She is his mother and they asked her to show them Jesus, "the blessed fruit of" her womb. They hope that one day after their journey here on earth, they too like her will enjoy Jesus in heaven.

Mary's whole life was one powerful experience of the Divine. She cooperated with God to bring salvation to all humans. By her obedience, faith, hope and love she participated in her Son's mission of restoring the dignity and beauty of human life. Such closeness to God by the power of the Holy Spirit renders her to be the "most gracious" advocate. What a better person to plea to who is so close to God and to God's loving plan of salvation! Christians who are still experiencing and feeling the weight of human life turn to her to advise them on their journey of life. They want to be with her and her son, Jesus.

Mary, queen, mother, virgin, advocate, pray for us.♦



# Sliem Għalik

***mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Nikol Ġ. Cauchi***

## It-talba "Ġenna Spiritwali kollha dija"

### Modestu
### Patrijarka ta' Ġerusalem

Modestu twieled f'Sebaste, fil-Kappadoċja, minn familja nisranija. Tilef il-ġenituri tiegħu, meta kellu ħames xhur, iżda ġie mogħti trobbija tajba, u minn ċkunitu ħassu miġbud għall-ħajja monastika. Hu beda jgħix il-ħajja axxetika f'kunvent fuq il-muntanja Sinaj u iktar tard sar Abbati tal-Monasteru ta' San Teodosju fil-Lvant ta' Betlem, fil-Palestina.

Fis-sena 614 ir-Re tal-Persja Chosroes II daħal bl-armata tiegħu fis-Sirja u fil-Palestina, qatel eluf ta' nsara u qered ħafna knejjes. Barra minn hekk huwa ħa miegħu l-Persja ħafna lsiera, fosthom il-Patrijarka Żakkarija kif ukoll il-verulinju tas-salib ta' Kristu. L-Abbati Modestu mexxa l-Patrijarkat ta' Ġerusalemm fl-assenza tal-Patrijarka Żakkarija, sa meta dan rritorna mill-jasar erbatax-il sena wara, li kien ilu nieqes.

F'dan il-perjodu Modestu rrestawra u reġa' bena l-postijiet imqaddsa li kienu ġew imħarbta mill-Persjani, fosthom il-Knisja tas-Santu Sepulkru, il-Knisja tal-Paralitiku u ħafna oħrajn. Fis-sena 628 ir-Re Eraklitu għeleb lil Chosroes u ġagħlu jrodd is-salib imqaddes u l-ilsiera insara li kienu għadhom ħajjin, inkluż il-Patrijarka Żakkarija, li mexxa l-Knisja ta' Ġerusalem sa meta miet fis-sena 632.

Modestu ġie magħżul biex ikun is-suċċessur tiegħu bħala Patrijarka ta' Ġerusalemm, fejn dam sal-mewt tiegħu li ġrat fis-17 ta' Settembru 634 fl-eta` ta' 97 sena.



Il-festa ta' San Modestu hija ċċelebrata fil-Knisja Ortodossa fit-18 ta' Diċembru.

L-Innu li jidher hawn hu meħud mid-diskors importanti fuq il-Lunzjata li jinsab fil-Patroloġija Griega tal-*Migne* (vol.86, 3301-3305).

### Ġenna Spiritwali kollha dija

*Sliem għalik,*
*Omm l-iktar Qaddisa,*
*ta' Alla, Feddej tagħna,*
*li permezz tiegħek,*
*ġie jgħix magħna*
*biex aħna ngħixu miegħu.*

*Sliem għalik,*
*Omm t'Alla*

*Meqjuma u bla tebgħa*
*Dak li mill-għoli smewwiet*
*Mingħajr ma ħalla l-ġenna*
*ġie fi ħdanek*
*qishu f'għamartu*
*hu l-istess Kristu l-Mulej*
*li għamlek denja*
*li tgħaddi minn din l-art*
*għad-dar tas-sema*
*li Hu permezz tiegħek*
*ta wkoll lill-qaddisin*
*li kienu qaddejja tiegħu.*

*Sliem għalik Marija*
*ġenna spiritwali kollha dija*
*Bil-qawwa ta' l-ispirtu s-Santu*
*Inti ġbart il-frott*
*tal-ħajja u ta' l-immortalita`,*
*Dak li mill-Missier*
*Kien imnissel*
*Kristu l-Mulej tagħna,*
*Aħna għandna sehem*
*Mill-ħajja tiegħu,*
*Għaliex bit-twemmin veru*
*Tagħna, Fih il-ħajja*
*Ingħatat lilna*
*Huwa bena għalik*
*Tabernaklu fil-ġenna*
*Fejn Inti tgħammar*
*Bil-ġisem tiegħek*
*Kollu sebħ;*
*Permezz tiegħek, lilna wkoll*
*Il-bieb infetaħ.*

*Sliem għalik*
*Kenn imżejjen kollu dija*
*Int li nħtart omm ta' Alla*
*Il-ġens uman,*
*Li ġarrab l-għarqa*
*Fil-baħar tal-ħajja*
*Bik ġie meħlus*
*U permezz tiegħek*
*Irċievejna l-għotjiet tal-ħajja*
*Minn Dak li weġġħek fiż-żmien*
*U li jsebbħek għal dejjem ta' dejjem.*
*Ammen.*



Ta min jinnota, qabel xejn, it-titli sbieħ, li bihom San Modestu, isellem lil Imqaddsa Verġni Maija, "Omm, l-iktar qaddisa t'Alla Feddej tagħna", "Omm t'Alla, meqjuma", "Ġenna spiritwali, kollha dija", "kenn imżejjen, kollu dija."

Jgħaddi, mbagħad biex isemmi l-privileġġi, li bihom Alla, għoġbu jżejjen lil Dik il-kreatura li ġiet maħtura biex tkun l-Omm tiegħu. Hemm aċċenn għat-Tnissel Immakolat tagħha "Omm Alla, bla tebgħa." Jirreferi wkoll għall-Assunzjoni ta' Marija bil-kelmiet "huwa bena għalik tabernaklu fil-ġenna fejn inti tgħammar bil-ġisem tiegħek kollu sebħ. L-awtur jindika l-inkarnazzjoni tal-Verb meta jgħid: "dak li mill-għoli tas-smewwiet mingħajr ma ħalla l-ġenna ġie fi ħdanek qisu f'għamartu."

B'espressjonijiet differenti, Modestu jfisser is-sehem li kellha Sidtna Marija, fil-misteru tas-salvazzjoni tagħna, bħalma huma: "Permezz tiegħek, ġie jgħix magħna biex aħna ngħixu miegħu", "il-ġens uman, li ġarrab il-għarqa, fil-baħar tal-ħajja, bik ġie meħlus." ♦

# Mill-Ħajja tas-Santwarju



**miġbura minn**
**Ivan Attard**

## JANNAR 2010

**Il-Ġimgħa, 2:** Fil-bidu tas-sena l-ġdida, Mons. Arċisqof Emeritus Ġużeppi Mercieca ċċelebra Quddiesa fil-Kappella tal-Madonna b'ringrazzjament lil Alla għall-grazzji kbar li rċieva matul is-sena preċedenti bl-interċessjoni tal-Madonna ta' Pinu. Huma talbu wkoll għas-saċerdoti u għall-Vokazzjonijiet f'din is-Sena Saċerdotali.

**It-Tlieta, 6:** Erba' saċerdoti żgħażagħ Maltin iċċelebraw Quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna b'ringrazzjament lil Alla f'għeluq id-disa' snin mill-bidu tal-mixja vokazzjonali flimkien fis-Seminarju Maġġuri ta' Malta u d-don tas-Saċerdozju Ministerjali.

**Il-Ġimgħa, 9:** Fis-Santwarju ġie ċċelebrat iż-żwieġ bejn ħutna Eddie George Attard (Parroċċa San Ġorġ) u Marisa Xerri (Xagħra) b'quddiesa ċċelebrata minn Dun Geoffrey George Attard u Mons. Pawlu Cardona, Arċipriet tal-Kolleġġjata-Bażilika ta' San Ġorġ.

**It-Tlieta, 13:** Fl-okkażjoni tal-mitt sena mit-twaqqif tas-Soċjeta` tal-MUSEUM Sezzjoni Femminili, l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech mexxa Konċelebrazzjoni Solenni flimkien ma' numru sabiħ ta' saċerdoti. Għal din iċ-ċelebrazzjoni, is-Soċjeta` tad-Duttrina Nisranija ġabet





ir-Relikwija bid-Demm ta' San Ġorġ Preca għall-venerazzjoni ta' dawk preżenti. Fi tmiem il-Quddiesa, is-Superjura Pauline Grech flimkien ma' Mons. Isqof daħlu fil-Kappella tal-Madonna ta' Pinu u tpoġġa bukkett ward b'ringrazzjament lill-Madonna. Mons. Isqof poġġa lill-membri kollha tas-Soċjeta` taħt il-ħarsa materna tal-Madonna Ta' Pinu.

**Il-Ġimgħa, 22:** Mons. Arċipriet Carmelo Refalo, mexxa Quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla fi tmiem l-irtir tas-saċerdoti żgħażagħ Maltin.

**Il-Ħadd, 24:** Saret ċelebrazzjoni Nazzjonali fil-Gżira Għawdxija biex jitfakkar l-400 Anniversarju minn meta San Pubbliju ġie dikjarat Patrun ta' Malta u Għawdex mill-Isqof Tommaso Gargallo fl-1610. Saret Konċelebrazzjoni Solenni fl-10.00am li tmexxiet mill-E.T. Mons. Isqof Emeritu Nikol Ġ. Cauchi flimkien mal-Arċipriet tal-Furjana, Dun Richard Borg, u d-Djaknu Fra Stephen Magro OFM. Għal din il-Quddiesa kantata, grupp kbir ta' parruċċani mill-parroċċa tal-Furjana ħadu sehem b'ġieħ u qima lil San Pubbliju, Patrun ta' Malta u titular ta' din il-parroċċa.

Fl-istess jum, saret il-kommemorazzjoni tas-60 sena mit-twaqqif tal-Leġjun ta' Marija f'Għawdex. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni flimkien ma' diversi Diretturi Spiritwali Għawdxin.

**Is-Sibt, 30:** Saret il-Magħmudija tat-tarbija Shannia Galea mir-Rev. Dun Michael Galea.

*Pellegrinaġġi:*

**It-Tlieta, 6:** Sar pellegrinaġġ mill-Moviment Ewkaristiku tal-parroċċa tax-Xewkija.

**Il-Ġimgħa, 9:** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl fl-Italja.

**It-Tlieta, 13:** Pellegrinaġġ mid-Djoċesijiet ta' Imole u Ravenne fl-Italja.

**It-Tlieta, 27:** Pellegrinaġġ mill-Grupp tar-Romol tal-Parroċċa tas-Siġġiewi u mill-Grupp tal-Azzjoni Kattolika fergħa nisa tal-parroċċa ta' Kerċem.

**Il-Ħamis, 29:** Grupp ta' 40 persuna minn Spanja li jiffurmaw parti mill-għaqda 'Theotokos' għamlu pellegrinaġġ lejn is-Santwarju.

## FRAR 2010

**Is-Sibt, 6:** Fl-okkażjoni tal-Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej Ġesu` fit-tempju (il-Kandlora), saret iċ-ċerimonja annwali tal-preżentazzjoni tat-trabi lill-Madonna ta' Pinu. Dan ir-rit tmexxa mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech. Iċ-ċerimonja kienet organizzata mill-Azzjoni Kattolika fuq bażi djoċesana. Numru sabiħ ta' familji ipparteċipaw f'din iċ-ċerimonja sinifikattiva.

**Il-Ħamis, 18:** Il-familja Grech ġiet f'riġlejn il-Madonna ta' Pinu b'ringrazzjament għal dak kollu li għamlet magħhom. Saret Quddiesa ta' Radd il-ħajr iċċelebrata mir-Rettur Dun Gerard Buhagiar.

*Pellegrinaġġi:*

**L-Erbgħa, 3:** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa tal-Madonna ta' Loreto f'Għajnsielem.

**Il-Ġimgħa, 5:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' Patrijiet Franġiskani Minuri fil-Libja.

**Is-Sibt, 6:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' Retturi ta' diversi Seminarji Maġġuri madwar il-kontinent Ewropew. Ġiet iċċelebrata Quddiesa għalihom minn Mons. Isqof Mario Grech.

**It-Tnejn, 8:** Grupp ta' persuni minn Slovenia għamlu żjara lis-Santwarju u talbu quddiem l-immaġini inkurunata tal-Madonna ta' Pinu.

**It-Tlieta, 9:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' Ingliżi li għandhom ħbieb Għawdxin.

**Is-Sibt, 13:** Grupp ta' ġurnalisti mir-Russja għamlu żjara lis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu.

**It-Tnejn, 15:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' persuni mill-Ġermanja.

**It-Tlieta, 16:** Grupp ta' nies Maltin ġew fis-Santwarju biex jirringrazzjaw lil Alla u lill-Madonna ta' Pinu għal grazzja kbira li qalgħetilhom.

**Il-Ħamis, 18:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' persuni minn Birkirkara. Dawn kienu qed jagħmlu rtir fid-Dar 'Stella Maris', Żebbuġ, Għawdex.

Grupp ta' 26 persuna mill-parroċċa ta' San Lawrenz (Birgu) għamlu żjara lill-Madonna ta' Pinu.

## MARZU 2010

**It-Tlieta, 9:** Quddiesa b'ringrazzjament lill-Madonna għal grazzja maqlugħa lil familja ċċelebrata minn Dun Brian Meilaq, Kappillan tal-Parroċċa ta' Kerċem.

**Il-Ġimgħa, 19:** Quddiesa ta' ringrazzjament fl-okkażjoni tat-tletin anniversarju miż-żwieġ ta' koppja Għawdxija.

**Il-Ħadd, 21:** F'dan il-jum, saret il-Via Sagra Djoċesana fuq l-Għolja ta' Għammar immexxija mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech. Preżenti għal din iċ-ċelebrazzjoni kien hemm diversi Kappillani, Arċiprieti u saċerdoti Għawdxin u parteċipazzjoni qawwija ta' lajċi mid-Djoċesi tagħna. F'din l-okkażjoni, Mons. Isqof ħabbar li l-Q.T. il-Papa Beneditt XVI kien ser jagħti r-*Rosa d'Oro* lill-Madonna ta' Pinu matul iż-żjara qasira tiegħu fil-Gżejjer tagħna. Huwa ħabbar ukoll li l-Kwadru





tal-Madonna kien ser jittella' Malta biex ikun preżenti fuq

il-Fosos tal-Furjana waqt il-Pontifikal Solenni mmexxi mill-Q.T. il-Papa nhar il-Ħadd 18 ta' April 2010. Din l-aħbar intlaqgħet b'akklamazzjoni ta' ferħ minn dawk kollha preżenti.

**Is-Sibt, 27:** Saret ċelebrazzjoni fl-okkażjoni tal-40 Anniversarju miż-żwieġ tal-familja Mizzi b'Quddiesa fil-Kappella tal-Madonna ta' Pinu mill-W.R. Mons. Anton Mizzi.

Tard filgħaxija, saret il-*Via Sagra* Djoċesana għaż-żgħażagħ tul l-Għolja ta' Għammar. Flimkien maż-żgħażagħ Għawdxin, ħadu sehem ukoll xi żgħażagħ Maltin li ġarrew is-Salib tal-Ġublew li f'dawk il-ġimgħat kien qed iżur il-parroċċi bi tħejjija għall-miġja tal-Q.T. Papa Benedittu XVI fil-gżejjer Maltin.



**Il-Ħadd, 28:** Solennita` ta' Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej. Fit-8.30am sar ir-rit tat-tberik tal-palm u l-friegħi taż-żebbuġ u t-tifkira tad-daħla trijonfali tal-Mulej Ġesu` f'Ġerusalemm segwit minn Quddiesa kantata li fetħet iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa.

*Pellegrinaġġi:*

**L-Erbgħa, 3:** Grupp ta' 32 persuna minn Ħaż-Żabbar għamlu żjara lis-Santwarju tal-Madonna b'devozzjoni lejn il-Verġni Marija ta' Pinu.

**Il-Ħadd, 7:** Pellegrinaġġ Penitenzjali tar-Randan mill-Parroċċa Arċipretali u Matriċi ta' Santa Marija Assunta taż-Żebbuġ Għawdex.

**It-Tlieta, 9:** Grupp ta' qassisin minn Franza għamlu Quddiesa fil-Kappella.

**L-Erbgħa, 10:** Grupp ta' persuni mill-Parroċċa ta' Għajnsielem żaru s-Santwarju. Huma kellhom Quddiesa ċċelebrata mill-Arċipriet Dun Frankie Bajada.

**Il-Ħadd, 14:** Pellegrinaġġ tar-Randan mill-Parroċċa ta' San Lawrenz (Għawdex) u ieħor mill-Parroċċa ta' Marija Bambina, Xagħra.

**L-Erbgħa, 17:** Grupp ta' 175 ruħ minn Ħaż-Żabbar għamlu pellegrinaġġ lejn is-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu fejn irreċitaw il-*Via Sagra* u ċċelebraw il-Quddiesa.

**Il-Ħamis, 18:** Quddiesa fis-Santwarju ċċelebrata minn Dun George Mangion għal grupp ta' persuni mill-parroċċa ta' Marija Assunta, Mosta.

**Il-Ġimgħa, 19:** Solennita` ta' San Ġużepp. Grupp ta' 53 membru tal-Ordni Franġiskan Sekular tal-Kapuċċini mill-Parroċċa tal-Kalkara għamlu żjara lis-Santwarju fejn talbu l-*Via Sagra* u ċċclcbraw Quddicsa.

**Is-Sibt, 20:** Pellegrinaġġ mill-Knisja ta' Ġesu` Nazzarenu, Xagħra. Saret mixja bil-fjamma tal-fidi minn quddiem il-monument tal-Papa Ġwanni Pawlu II għas-Santwarju fejn ġiet iċċelebrata Quddiesa mir-Rettur il-Kan. Anton Refalo Rapa.

**Il-Ħadd, 21:** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa ta' San Ġorġ Martri, Ħal-Qormi. Fl-istess jum, sar irtir tal-grupp tal-irġiel mill-Parroċċa ta' San Leonardu, Ħal-Kirkop.

**It-Tlieta, 23:** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa ta' San Ġużepp Ħaddiem f'Birkirkara.

**L-Erbgħa, 24:** Grupp ta' persuni mill-Ġermanja għamlu żjara lis-Santwarju. Fl-istess ġurnata, grupp tat-terzjarji Kapuċċini tal-parroċċa Marija Reġina (Marsa) u grupp ieħor ta' 78 ruħ mill-Parroċċi taż-Żejtun u Ħaż-Żabbar żaru lill-Madonna ta' Pinu meqjuma fis-Santwarju tagħha.

**Il-Ġimgħa, 26:** Festa devozzjonali ta' Marija Addolorata. Saret *Via Sagra* fuq l-Għolja ta' Għammar u Quddiesa għal grupp ta' tfal mill-Iskola Primarja taż-Żebbuġ Għawdex.

**Is-Sibt, 27:** Lejliet Ħadd il-Palm. Sar pellegrinaġġ mill-Parroċċa ta' Santa Venera (Malta). Ġiet iċċelebrata Quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu u *Via Sagra* fuq l-Għolja ta' Għammar. Mexxa Fr. Alex Henri O.Carm., Kappillan. Fl-istess jum, sar irtir għaż-żgħażagħ li jiffrekwentaw il-Knisja ta' Ġesu` Nazzarenu fix-Xagħra li ntemmet b'Quddiesa fil-Kappella tal-Madonna ta' Pinu mill-W.R. Kan. Anton Refalo Rapa. Saret ukoll *Via Sagra* u Quddiesa fuq l-Għolja ta' Għammar mill-*Victoria Scouts Group*.

Il-Moviment Era Ġdida organizza Quddiesa ta' radd il-ħajr lill-Madonna ta' Pinu fit-twelid ta' tarbija lill-koppja Michael u Marion Mercieca u b'ringrazzjament għall-grazzji msawba matul l-Eżerċizzi tar-Randan ta' din is-sena.

**It-Tlieta, 30:** Pellegrinaġġ Penitenzjali tar-Randan mill-Iskola Sależjana 'St. Patrick' f'Tas-Sliema (Malta). Il-grupp kien jikkonsisti f'madwar 50 student u 10 għalliema. Wara, ġiet iċċelebrata *Via Sagra* fuq l-Għolja ta' Għammar u Quddiesa bħala ringrazzjament tal-istudenti ta' Form V li f'din il-ġurnata, temmew l-edukazzjoni obbligatorja tagħhom.

Fl-istess jum, grupp tal-Azzjoni Kattolika mill-Parroċċa ta' Santa Katerina ta' Lixandra (Żejtun) għamlu żjara lis-Santwarju fejn irreċitaw il-*Via Sagra* u rreċitaw il-Quddiesa.

**L-Erbgħa, 31:** Pellegrinaġġ Penitenzjali, *Via Sagra* u Quddiesa mill-Fergħa Ewkaristika.

## APRIL 2010

**Il-Ħamis, 1:** Solennita` ta' Ħamis ix-Xirka. Filgħodu, ir-Rettur Dun Gerard Buhagiar flimkien mas-saċerdoti li jservu fis-Santwarju Nazzjonali ta' Pinu attendew għall-Quddiesa Pontifikali fil-Katidral ta' Għawdex li fiha tfakkar it-twaqqif tas-Saċerdozju Ministerjali u sar it-tberik taż-Żjut Imqaddsa. Filgħaxija, fis-6.00pm, l-E.T. Mons. Isqof *Emeritus* Nikol Ġ. Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni fis-Santwarju li matulha tfakkar it-twaqqif tal-Ewkaristija. Fi tmiem il-Quddiesa, Ġesu` Sagrament ġie trasportat mill-altar maġġur għall-Altar tar-Repożizzjoni. Is-Santwarju baqa' miftuħ sa nofs il-lejl biex l-insara jiġu jinviżtaw lil Ġesu` Sagramentat.

**Il-Ġimgħa, 2:** Tifkira Solenni tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej. Fit-3.30pm saret il-Funzjoni tal-Adorazzjoni tas-Salib li matulha nqara r-rakkont tal-Passjoni tal-Mulej skont San Ġwann, saret it-Talba tal-Fidili Solenni, Bews tas-Salib u Tqarbin Imqaddes.

**Is-Sibt, 3:** Sibt il-Għid. Filgħodu, għall-ħames sena konsekuttiva, saret iċ-ċelebrazzjoni Marjana 'Is-Siegħa tal-Omm' li tmexxiet mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech bis-sehem ta' numru sabiħ ta' saċerdoti u lajċi Maltin u Għawdxin. Sar il-kant ta' diversi salmi bibbliċi u talb ta' salmi orjentali flimkien ma' qari mill-Iskrittura Mqaddsa u omelija minn Mons. Isqof. Fi tmiem din il-funzjoni, xi nisa bdew jidilku bil-fwejjaħ il-postijiet l-aktar għeżież li nsibu fil-Knisja.

Tard filgħaxija, fit-8.30pm, ingħata bidu għall-akbar ċelebrazzjoni tas-sena liturġika: Il-Vġili tal-Għid il-Kbir. Saret il-mixegħla tal-blandun, qari tal-Kelma ta' Alla, kant tal-Glorja u qsim tal-Ewkaristija. Bħall-bqija tal-funzjonijiet tat-Tridu Paskwali, din iċ-ċelebrazzjoni tmexxiet mill-E.T. Mons. Isqof Emeritu Nikol Ġ. Cauchi u kienet animata mill-Kor *Schola Cantorum Jubilate* taħt id-direzzjoni ta' Ms. Marouska Attard.

**Il-Ħadd, 11:** F'ċirkulari maħruġa mill-Kurja Veskovili ta' Għawdex, l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech informa lill-insara Għawdxin li bħala parti mill-programm ta' attivitajiet relatati maż-żjara tal-Q.T. Papa Benedittu XVI f'pajjiżna, il-Kwadru mirakoluż tal-Madonna ta' Pinu kien ser jittella' Malta l Ħadd 18 ta' April u jibqa' hemmhekk għall qima tad-devoti Maltin sal-Ġimgħa 23 ta' April meta dan jirritorna lura lejn Ta' Pinu f'pellegrinaġġ nazzjonali u nagħlqu b'Pontifikal Solenni mmexxi minn Mons. Arċisqof Pawlu Cremona.

**Il-Ħadd, 18:** Jum Storiku għas-Santwarju. Fi tmiem il-Pontifikal Solenni ċċelebrat mill-Q.T. il-Papa Benedittu XVI fuq il-Fosos tal-Floriana, il-Papa ppreżenta WARDA TAD-DEHEB lis-Santwarju Nazzjonali tagħna. Din il-warda tinsab f'riġlejn il-Kwadru tal-Madonna ta' Pinu. F'diskors li għamel qabel ma rreċita t-talba tar-*Regina Coeli*, il-Papa ħeġġiġna biex lill-Madonna ta' Pinu nsejħulha IS-SULTANA TAL-FAMILJA waqt li qiegħed lill-familji Maltin u Għawdxin taħt il-patroċinju materm tagħha.

Wara ċ-Ċelebrazzjoni l-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu ġie meħud fis-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta.







**It-Tnejn, 19:** Mit-Tnejn 19 ta' April sal-Ħamis, 22 ta' April il-Kwadru kien għal qima tal-pubblika fil-Bażilika Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta. Il-Ħamis filgħodu, sar pellegrinaġġ bil-Kwadru mis-Santwarju tal-Karmnu sa Bieb il-Belt. Minn hemm il-Kwadru twassal fir-Rotunda tal-Mosta, wara diversi waqfiet f'parroċċi differenti, matul il-vjaġġ lejn il-Mosta. Diversi kienu ċ-Ċelebrazzjonijiet li saru f'dawn il-jiem, fejn eluf ta' Maltin fosthom numru kbir ta' morda taw il-qima tagħhom lill-Madonna Ta' Pinu.







**Il-Ġimgħa, 23:** Il-Kwadru mirakoluż u devot tal-Madonna ta' Pinu reġa' rritorna lura lejn Għawdex f'pellegrinaġġ nazzjonali bis-sehem tal-Arċisqof Mons. Pawlu Cremona u diversi Isqfijiet u saċerdoti oħra.





Mal-wasla tiegħu fl-Imġarr Għawdex, il-Kwadru ġie milqugħ minn diversi Maltin u Għawdxin u hekk beda l-mixja tiegħu lejn is-Santwarju Nazzjonali tagħna. Il-Kwadru għamel diversi waqfiet f'numru ta' postijiet indikati minn qabel biex hekk, kull parroċċa ta' Għawdex ingħatat l-opportunita` li ssellem lill-Verġni Marija fi triqitha lura lejn 'darha'. Fis-7.00pm ingħata bidu għal Pontifikal




Solenni mmexxi minn Mons. Arċisqof Pawlu Cremona. Il-Kor *Stella Maris* anima din iċ-ċelebrazzjoni taħt id-direzzjoni ta' Mro. Carmel P. Grech u l-organista s-Surmast Dr. John Galea. Preżenti għal din iċ-ċelebrazzjoni kien hemm l-E.T. Dr. George Abela, President tar-Repubblika, l-Onor. Dr. Lawrence Gonzi, Prim Ministru ta' Malta u Dr. Stefan Buontempo, rappreżentant tal-Onor. Dr. Joseph Muscat, Kap tal-Oppożizzjoni. Diversi saċerdoti u lajċi attendew għal din iċ-ċelebrazzjoni ta' ringrazzjament lil Alla għall-grazzji msawba fuqna biż-żjara tal-Papa fostna.

NOTA: Għal aktar informazzjoni: Ara l-ħarġa speċjali numru 153 tar-Rivista 'Madonna Ta' Pinu' li fiha issib id-diskorsi ewlenin li saru f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, kif ukoll ritratti tal-kulur.

*Pellegrinaġġi:*

**It-Tnejn, 5:** Fr. John Berry mexxa pellegrinaġġ b'ħajr lill-Madonna.

**It-Tlieta, 6:** Grupp miż-Żurrieq għamlu żjara lill-Madonna ta' Pinu u talbu l-protezzjoni tagħha fil-ħajja tagħhom.

**L-Erbgħa, 7:** Żjara mill-Parroċċa tal-Imtarfa.

**Il-Ħamis, 8:** Saret żjara minn grupp ta' lajċi li jiffrekwentaw il-Kappella tas-Santissima Trinita' fil-parroċċa tas-Siġġiewi.

Fl-istess jum, sar pellegrinaġġ minn grupp ta' saċerdoti mid-Djoċesi ta' Treviso fl-Italja.

**Il-Ġimgħa, 9:** Sar pellegrinaġġ tas-Sorijiet Agostinjani fi tmiem l-irtir annwali tagħhom. Huma kellhom Quddiesa ġġelebrata għalihom minn Mons. Ewkaristiku Sultana, Arċipriet *Emeritus* tal-Parroċċa tax-Xagħra.

**L-Erbgħa, 14:** Saret Quddiesa bħala parti minn pellegrinaġġ ta' grupp ta' Patrijiet Karmelitani fil-gżira Għawdxija.

**Il-Ġimgħa, 16:** Grupp ta' anzjani mill-parroċċa ta' Santa Venera għamlu żjara lis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu u ċċelebraw Quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla.

**It-Tlieta, 20:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' 28 taljan.

**It-Tlieta, 27:** Fl-okkażjoni ta' Jum il-Lokalita` ċċelebrat fis-Sannat, Xagħra u Żebbuġ, il-Kunsilli Lokali rispettivi organizzaw pellegrinaġġ konġunt lejn is-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Kienu madwar 100 anzjan u kellhom Quddiesa fit-8.30am.

Fl-istess jum, saret Quddiesa ta' ringrazzjament minn grupp ta' żgħażagħ imsejħa 'Ġilji bojod' - 'Dar għaż-żgħażagħ bi bżonnijiet speċjali'.

**L-Erbgħa, 28:** Il-*Good Shepherd Sisters* iċċelebraw Quddiesa ta' ringrazzjament lill-Madonna ta' Pinu wara ż-żjara tal-Papa Benedittu f'pajjiżna bejn is-17 u t-18 ta' April.

**Il-Ġimgħa, 30:** Grupp ta' persuni mid-Djoċesi ta' Rimini (fl-Italja) żaru lis-Santwarju.

## MEJJU 2010

**It-Tnejn, 3:** Il-Kumitat tal-Kultura ta' Malta organizza żjara kulturali fis-Santwarju Nazzjonali ta' Pinu u fil-Mużew tal-istess Santwarju. Fil-bidu, dawk li attendew kellhom *talk* interessanti mir-Rettur Dun Gerard Buhagiar u wara, huma żaru l-Mużew fejn kienu esebiti l-pitturi ta' Emvin Cremona. Il-grupp kien jikkonsisti fi 330 persuna.

**L-Erbgħa, 5:** Ingħata bidu għal ħmistax-il Erbgħa ta' devozzjoni bi tħejjija għas-Solennita` tat-Tlugħ tal-Verġni Marija fis-sema bir-ruħ u l-Ġisem. Kull nhar ta' Erbgħa, ġie ċċelebrat numru sabiħ ta' Quddies bi ħsieb dwar il-Verġni Marija. Il-Quddiesa tal-5.30pm kienet tkun animata mill-Kor *Nativitas* taħt id-direzzjoni ta' Silvana Agius u akkumpanjat fuq l-orgni mill-organista Ivan Attard. Fid-8.45pm, kull nhar ta' Erbgħa, sar Ružarju meditat immexxi mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech bis-sehem ta' diversi familji Għawdxin. Waqt il-Kant tal-Litanija lill-Madonna, il-Kwadru-replika tal-Madonna ta' Pinu kien jimxi proċessjonalment fil-pjazza ta' quddiem is-Santwarju. Fi tmiem din it-talba, kienet tingħata l-Barka Sagramentali.

**Is-Sibt, 8:** Fi tmiem Seminar organizzat f'Malta għad-Diretturi Spiritwali tas-Seminarji Maġġuri Ingliżi, l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech iċċelebra Quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu b'talb speċjali għalihom. Huwa talab lill-Verġni Marija sabiex tinterċedi għal dawn id-Diretturi Spiritwali fil-missjoni tagħhom biex jiffurmaw is-saċerdoti futuri.

**Il-Ħadd, 16:** F'għeluq il-ħamsin sena mill-bidu tal-fergħa koperaturi f'Malta u l-ħamsa u għoxrin sena mill-bidu tal-fergħa koperaturi f'Għawdex, ġiet iċċelebrata Quddiesa ta' ringrazzjament lil Alla u lill-Verġni Marija fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu.

**Is-Sibt, 22:** Ġiet iċċelebrata Quddiesa mill-W.R. Kan. Reuben Micallef, Arċipriet tal-Parroċċa Arċipretali ta' Marija Assunta fiż-Żebbuġ Għawdex, li matulha huwa amministra s-Sagrament tal-Ewwel tqarbina lit-tfajjel Eman Spiteri mill-istess parroċċa.

**Il-Ħadd, 23:** Żjara tal-Presepisti Taljani fis-Santwarju Nazzjonali tagħna. Dawn il-presepisti nġabru f'Għawdex bl-inizjattiva tal-Għaqda ħbieb tal-Presepju. Ġiet iċċelebrata Quddiesa Solenni għalihom minn Padre Giuseppe Cellucci OMI (oblato di Maria Immacolata), Assistent Ekkleżjastiku tal-*Associazione Italiana Amici del Presepio Roma* flimkien

mar-Rettur tas-Santwarju, Dun Gerard Buhagiar, fl-okkażjoni tal-25 sena mit-twaqqif tal-Għaqda. Il-*Chorus Urbanus* anima din iċ-ċelebrazzjoni taħt id-direzzjoni ta' Mro. Dr. John Galea.



**L-Erbgħa, 26:** Illum ġie mfakkar l-għoxrin anniversarju minn meta l-Papa Ġwanni Pawlu II żar is-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu, iċċelebra Quddiesa fuq iz-zuntier tas-Santwarju u poġġa stellarju madwar ras ix-xbieha tal-Madonna ta' Pinu. Dan l-avveniment storiku ġie mfakkar fil-Quddies kollu tar-raba' Erbgħa ta' Santa Marija. Filgħaxija, fid-8.45pm, sar Rużarju animat bil kant u purċissjoni bil *flambaux* fuq iz-zuntier tas-Santwarju. Iċ-ċelebrazzjoni tmexxiet mir-Rettur Dun Gerard Buhagiar. Fi tmiem ir-Rużarju, ir-rettur ipprezenta lil dawk preżenti l-Mitra tal-Q.T. Papa Benedittu XVI. Rigal imprezzabbli li ġie offrut mill-Papa lis-Santwarju ta' Pinu u li twassal lir-Rettur f'dan il-jum mill-E.T. Mons. Tommaso Caputo, Nunzju Apostoliku għal Malta.

*Pellegrinaġġi:*

**Is-Sibt, 1:** Tifkira ta' San Ġużepp Ħaddiem. Ġiet iċċelebrata Quddiesa għal grupp ta' żgħażagħ mill-parroċċa tas-Siġġiewi.

**It-Tnejn, 17:** Il-Kumitat tal-*Ladies Circle* ta' Gwardamangia u tal-Pieta` organizza Quddiesa fis-Santwarju qrib id-data tat-tifkira tal-ewwel dehra tal-Madonna ġewwa Fatima.

**Il-Ħadd, 23:** Grupp ta' *Past Pupils* Sależjani mill-Oratorju ta' Saint Patrick għamlu ż-żjara annwali tagħhom lis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu.

**It-Tlieta, 25:** Grupp mill-Parroċċa ta' Ħal-Luqa organizza pellegrinaġġ lejn is-Santwarju f'għeluq is-Sena Saċerdotali.

**L-Erbgħa, 26:** Il-*Ladies Cultural Circle* ta' Raħal Ġdid għamlu żjara lis-Santwarju fejn talbu l-interċessjoni tal-Madonna ta' Pinu.

**Il-Ħamis, 27:** Il-Kunsill Lokali Valletta organizza pellegrinaġġ lejn is-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu fejn ġiet iċċelebrata Quddiesa.

**Is-Sibt, 29:** F'dan il-jum, saru żewġ pellegrinaġġi importanti lejn is-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Filgħodu, sar il-pellegrinaġġ annwali tal-morda organizzat mill-Ordni tal-Kavallieri ta' Malta. Il-pellegrinaġġ laħaq il-qofol tiegħu b'Quddiesa Solenni mmexxija mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof Djoċesan.

Wara nofsinhar, il-Komunita` tas-Seminarju Maġġuri tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu` organizzat il-pellegrinaġġ annwali tagħha lejn is-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna ta' Pinu. Waqt dan it-talb, is-Seminaristi Krystof Buttigieg, Simon J. Cachia, Samuel Grech, John Meilak, Trevor Sultana u Franklin Vella għamlu l-wegħda taċ-ċelibat ftit ġimgħat biss qabel ġew ordnati Djakni. Il-Komunita` talbet ukoll għad-Djakni Dun Noel Debono u Dun Maximillian Grech ftit ġimgħat qabel ma ġew ordnati Saċerdoti għal dejjem.

**It-Tnejn, 31:** Il-Gwardjani ta' diversi komunitajiet Franġiskani madwar Malta u Għawdex għamlu żjara lill-Madonna ta' Pinu u talbuha sabiex tħarishom fit-tmexxija tal-Provinċja Franġiskana Maltija.

## ĠUNJU 2010



**It-Tnejn, 14:** Is-saċerdot novell Dun Maximillian Grech iċċelebra l-Ewwel Quddiesa tiegħu wara l-Ordinazzjoni Saċerdotali li saret fil-Knisja Katidrali l-ġurnata ta' qabel. Din il-Quddiesa saret b'ringrazzjament lil Alla u lil Marija Assunta għad-Don tas-Saċerdozju. Ikkonċelebraw miegħu Dun Raymond Vella u Dun Anthony Bajada.

**L Erbgħa, 16:** Ingħata bidu għall-Festa tas-Sejħa tal-Madonna ta' Pinu. Fid-8.45pm sar Rużarju meditat immexxi mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech bis-sehem ta' diversi familji Għawdxin u wara saret purċissjoni bil-*flambaux* bil-Kwadru-replika tal-Madonna ta' Pinu fuq iz-zuntier tas-Santwarju li ntemmet bil-Barka Sagramentali.

**Il-Ħamis, 17:** Waqt konferenza li saret fis-sala tas-Santwarju fil-preżenza tal-E.T. Mons. Isqof Mario Grech, ġie imniedi l-ktieb 'A Temple to Our Lady: Ta' Pinu Basilica' b'kitba tar-Rev. Fr. Charles Cini u b'numru kbir ta' ritratti professjonali tas-Santwarju mill-fotografu Daniel Cilia. Preżenti għal din il-konferenza kien hemm ukoll l-Onor. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, diversi Sindki Għawdxin u xi saċerdoti.



**Il-Ġimgħa, 18:** Fis-7.30pm sar Kunċert fis-Santwarju minn 'The Three Attards' - Mro. Stephen Attard fuq l-orgni, is-Sopran Ms. Marouska Attard u s-sassofonista Philip Attard. Dan sar biex jitfakkar il-75 Anniversarju mill-Inkurunazzjoni tal-Kwadru titulari tal-Madonna ta' Pinu.

F'dan il-kunċert, Fr. Edward Vella, qara diskors interessanti miktub mill-Prof. Joseph Galea MD FRCS (CTh) li kien ifakkar din il-ġrajja kbira fl-istorja tas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu.







**Is-Sibt, 19:** Filgħaxija ġiet iċċelebrata Quddiesa fis-Santwarju miż-żewġ saċerdoti novelli Dun Noel Debono u Dun Maximillian Grech. Il-Quddiesa kienet segwita minn Adorazzjoni Ewkaristika sa nofs il-lejl.

**Il-Ħadd, 20:** Tifkira Solenni tal-75 Anniversarju mill-Inkurunazzjoni tal-Kwadru tal-Madonna ta' Pinu. Fis-Santwarju, ġiet iċċelebrata l-Quddiesa f'ġieħ Marija Reġina. Fl-10.00am, l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof *Emeritus*, mexxa Pontifikal Solenni ta' radd il-ħajr lil Alla. Anima l-Kor *Schola Cantorum Jubilate* taħt id-direzzjoni ta' Ms. Marouska Attard.



Fl-istess jum, ġiet iċċelebrata Quddiesa ta' ringrazzjament lil Alla u lill-Madonna f'għeluq il-Ġublew tad-Deheb miż-żwieġ tal-koppja Clement u Carmela Micallef mill-Għarb. Iċ-ċelebrant kien Dun Mikiel Cauchi.

**It-Tnejn, 21:** Lejliet il-Festa tal-Anniversarju tas-Sejħa tal-Madonna. Filgħaxija, fis-6.30pm, saret Translazzjoni Solenni tar-Relikwija segwita minn Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech. Waqt din il-Quddiesa konċelebrata, tkanta l-Ewwel Għasar tal-Madonna. Il-Kor *Stella Maris* anima din il-Liturġija taħt id-direzzjoni ta' Mro. Carmel P. Grech.

**It-Tlieta, 22:** Jum is-Solennita` tal-127 Anniversarju mis-Sejħa tal-Madonna ta' Pinu lil Carmela Grima u Franġisku Portelli. Sa minn kmieni filgħodu, diversi Għawdxin u Maltin ħanqu s-Santwarju biex jiċċelebraw l-Ewkaristija u jinviżtaw lill-Madonna f'dan il-jum tant għażiż. Il-Quddies kien iċċelebrat kull siegħa bejn il-5.00am u t-8.00am. Fid-9.00am, l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech mexxa l-Pontifikal Solenni ta' jum il-festa bis-sehem ta' diversi saċerdoti. Il-Kor *Stella Maris* anima din il-Quddiesa. Fl-10.10am, il-ħin propju tas-sejħa, ġiet reċitata s-Supplika lill-Madonna ta' Pinu, tkanta t-*Te Deum* u ngħatat il-Barka Sagramentali. Fis-6.30pm saret Quddiesa għall-Grupp ta' Talb 'Madonna ta' Pinu' li tmexxiet minn Mons. Arċipriet Carmelo Gauci bis-sehem tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata-Bażilika tal-Għarb li fija tkanta t-Tieni Għasar tal-Madonna. Fit-8.00pm Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa Pontifikal ieħor ta' radd il-ħajr lil Alla għall-grazzji msawba fuqna permezz ta' din il-ġrajja. Il-Kor *Nativitas*, taħt id-direzzjoni ta' Silvana Agius u l-organista Ivan Attard, anima



din il-Konċelebrazzjoni. Iċ-ċelebrazzjonijiet marbuta ma' dan il-jum solenni għas-Santwarju tagħna ġew fi tmiemhom bir-reċita tat-talba ta' għeluq il-jum u Barka Sagramentali.

**Is-Sibt, 26:** Mons. Arċipriet Jimmy Xerri ċċelebra Quddiesa ta' Radd il-ħajr fil-Kappella tal-Madonna ta' Pinu f'għeluq id-29 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu.

**It-Tlieta, 29:** Solennita` tal-Martirju tal-Appostli San Pietru u San Pawl. Ġie amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija lit-tarbija Elena Marie Zammit mill-parroċċa tan-Nadur. Iċ-ċelebrant kien Patri Martin Mamo OFM Kapuċċin.

Fl istess jum, Mons. Joe Vella Gauci mexxa Quddiesa ta' ringrazzjament f'għeluq il-ħamsin sena miż-żwieġ tal-koppja Mary u Louis Xuereb mill-Belt Victoria.

*Pellegrinaġġi:*

**It-Tlieta, 1:** Żjara mill-Grupp Djakonija tal-parroċċa ta' San Ġiljan.

**Il-Ġimgħa, 4:** L-E.T. Mons. Charles G. Palmer, Arċisqof ta' waħda mid-Djoċesijiet fil-Għana, żar is-Santwarju u ċċelebra Quddiesa flimkien ma' grupp ta' pellegrini.

**It-Tnejn, 7:** Viżta lis-Santwarju minn grupp ta' nies li jattendu għal-laqgħat tal-grupp 'ċelloli Parrokkjali għall-Evanġelizazzjoni' fil-parroċċa ta' Raħal Ġdid fl-okkażjoni tal-konsagrazzjoni tal-parroċċa lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu' f'għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tal-parroċċa.

**It-Tlieta, 8:** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa ta' San Pawl fil-Belt Valletta. Fl-istess ġurnata, grupp ta' 53 persuna mill-parroċċa ta' Santa Marija f'Birkirkara żaru s-Santwarju.

**L-Erbgħa, 9:** Grupp ta' 25 persuna mill-Azzjoni Kattolika tal-Parroċċa tal-Fgura għamlu żjara lill-Madonna ta' Pinu.

**Is-Sibt, 12:** Grupp ta' persuni minn Munich żaru s-Santwarju.

**It-Tlieta, 15:** Pellegrinaġġ Marjan mill-Parroċċa ta' Santa Katerina ta' Lixandra, Żurrieq. Fl-istess jum, sar pellegrinaġġ mill-Parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu fil-Balluta b'ringrazzjament lil Alla u lill-Verġni Marija f'għeluq is-36 Sena mit-twaqqif tal-parroċċa.

**Il-Ħamis, 17:** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu fi Fleur-de-lys. Fl-istess ġurnata, sar pellegrinaġġ ieħor minn grupp tal-*Ladies Circle* tal-Parroċċa ta' Raħal Ġdid.

**Il-Ġimgħa, 18:** Pellegrinaġġ mir-Rabat Malta bħala radd il-ħajr lill-Madonna.

**Il-Ħadd, 20:** F'dan il-jum, sar pellegrinaġġ mill-Parroċċa tal-Madonna ta' Pompei f'Marsaxlokk u ieħor minn ħal-Luqa fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna ta' Pinu u fis-36 Anniversarju mill-Ordinazzjoni tal-Kappillan Dun Karm Camilleri.

**L-Erbgħa, 23:** Pellegrinaġġ mill-Anzjani fid-Dar tal-*Little Sisters of the Poor* fil-Ħamrun. F'din il-ġurnata, sar pellegrinaġġ ieħor organizzat mill-Kunsill Lokali Sliema.

**Is-Sibt, 26:** Saret Quddiesa animata mill-Grupp ta' persuni bi bżonnijiet speċjali mill-Parroċċa ta' San Ġużepp fl-Imsida.

**It-Tnejn, 28:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' taljani flimkien mal-Arċisqof tagħhom.

**It-Tlieta, 29:** Numru ta' Slovakki għamlu żjara lill-Madonna ta' Pinu.




# L-Għanja tal-Qaddejja
## (Id-9 Parti)

*Mill-ktieb ta' Bernard Häring, maqlub għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

### "Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar"

"Minn kull muntanja nagħmel triq, u ngħolli l-mogħdijiet tiegħi. Ara, dawn jiġu mill-bogħod; ara, dawn mit-tramuntana u l-punent, u dawn mill-art ta' Sinim. Għannu, o smewwiet, aqbeż bil-ferħ, o art, infexxu fl-għana, o muntanji! Għax farraġ il-Mulej lill-poplu tiegħu; u ħenn għall-imsejknin tiegħu! U Sijon kienet tgħid: 'Ħallieni l-Mulej', u: 'Sidi nsieni'. Tista' mara tinsa t-tarbija tagħha, u ma tħennx għal bin ġufha? Imqar jekk din tinsa, jien ma ninsiek qatt! Ara, naqqaxtek fuq il-keffa ta' jdejja; ħitanek dejjem quddiemi. Il-bennejja tiegħek ġejjin mgħaġġla; jitbiegħed minnek min ġarrfek u ħarbtek. Erfa' għajnejk u ħares madwarek. Ilkoll inġabru, ġejjin lejk. Daqskemm jien ħaj, jgħid il-Mulej, tilbishom kollha biex tiżżejjen, titħażżem bihom bħal għarusa" (Is 49:13-18).

Fil-gratitudni kbira tagħha, Marija, li ħajjitha kollha tfaħħar il-kobor ta' Alla, hi kapaċi tiskopri l-ħidmiet sbieħ tiegħu fiha u għaliha, u għall-umanita` kollha. In-nuqqas ta' umilta` biss jagħmel lill-persuna umana m'hix kapaċi tiskopri l-ħwejjeġ sbieħ kollha li Alla għamel għaliha.

Marija laqgħet fiha l-ikbar sinjal ta' mħabba u vokazzjoni li qatt setgħu jingħataw lil sempliċi ħlejqa. Hi mimlija bil-grazzja, qawwija fil-fidi, u omm il-Mulej, il-ħolqien ġdid, Eva l-ġdida,



u, permezz tagħha, jasal għandna Adam il-ġdid, Ġesu' Kristu. Hi aktar mill-ewwel Eva, omm il-ħajjin: Alla jiġbor lill-poplu tiegħu madwarha biex jagħmilhom ilkoll familja waħda f'Ġesu` Kristu.

B'imħabba profonda lejn Marija, li hi stess tgħanni l-ferħ u l-gratitudni tagħha tul ħajjitha kollha, aħna nitgħallmu kif ikollna memorja ta' gratitudni u niżviluppaw viżjoni ċara, biex nistgħu nilmħu d-doni sbieħ kollha li Alla għaniena bihom. Aħna nsibu l-isem uniku tagħna li bih kull wieħed u waħda minna hu msejjaħ minn Alla s-Setgħani. Naslu għal fidi ħajja fis-sejħa tagħna għall-qdusija, sejħa għall-ministeru ta' l-għaqda u s-sliem. Kull min jagħraf bi gratitudni d-doni kollha ta' Alla li hemm fih daqstant ieħor ikun kapaċi jiskopri r-riżorsi li hemm fl-oħrajn. Nibdew nagħrfu t-tajjeb ta' ħaddieħor u nafdaw fih, u flimkien insiru iktar konxji li hemm artist divin, l-Ispirtu s-Santu, li jinsab qalb il-bnedmin għall-ebda raġuni oħra ħlief biex jagħmel minnhom kapulavur ta' l-għerf u l-imħabba tiegħu. Li nirrifjutaw li naraw it-tajjeb li Alla b'mod tant sabiħ għamel fina hu dnub kbir kontra Alla, kontra tagħna nfusna, u kontra ħutna. Minn dan l-agħma ta' bnedmin ingrati mbagħad toħroġ il-ħarba mir-responsabbilta` u mir-realta`, ta' dawk li jgħixu dejjem bil-"kieku". L-affarijiet huma pjuttost differenti meta nitgħallmu ngħannu ma' Marija bil-ferħ u l-gratitudni; meta nagħmlu dan aħna nsibu wkoll kuraġġ u ferħ f'li nwieġbu għas-sejħa ta' Alla: "Hawn jien, Mulej; sejjaħ lili; ibgħat lili".

Id-dinja madwarna kif ukoll ħajjitna stess isiru wisq iktar umani u mbierka hekk kif nitgħallmu ngħoddu l-barkiet tal-Mulej u naqsmu fit-tifħir tat-tjieba tiegħu. Il-konsegwenza tkun li niskopru eluf ta' ħwejjeġ sbieħ mingħajr ma naħlu daqshekk ħin mal-ġrajjiet ħżiena.

Infaħħruk, Missier li tista' kollox,
għall-ħwejjeġ sbieħ kollha li għamilt ma' Marija,
il-qaddejja umli tiegħek.
Bħala wliedha, aħna nfaħħruk għax għamiltha
l-omm tal-ħajjin,
imsieħba b'mod perfett ma' Kristu Ibnek,
li sar, għax ried hu,
il-Qaddej tal-bnedmin kollha.
Jalla, bħal Marija,
aħna wkoll ngħannu l-għemejjel sbieħ tiegħek.
Kabbar fina memorja ta' gratitudni
għal dak kollu li tajtna.




Għinna niskopru l-ħafna sinjali
tal-preżenza ta' l-Ispirtu tiegħek,
biex aħna nikkoperaw iktar
bi gratitudni u ġenerożita'
mal-grazzja tiegħu
u nsiru, iżjed u iżjed, xbieha tat-tjieba tiegħek
u l-imħabba ħanina tiegħek.

O Marija, aħna rroddulek ħajr
għall-ħajja tiegħek u l-kelmiet tiegħek
li jgħallmuna l-gratitudni,
u jgħallmuna niskopru l-ħwejjeġ sbieħ kollha
li Alla għamel għalina
għall-glorja ta' ismu,
biex ħejjewna ħalli nikkoperaw mas-sejħa
tiegħu kollha grazzja.
Amen. ◆

# A Temple to Our Lady




**An ideal Gift for this Christmas...**

Available from
Ta' Pinu Sanctuary
and leading bookshops
in Malta and Gozo

On the occasion of the75th anniversary of the coronation of the painting of Ta' Pinu on June 20, 1935, by the legate of the Pope, Cardinal Alessio Enrico Maria Lepicier, Ta' Pinu Publications have published a new book: *A Temple to Our Lady, Ta' Pinu Basilica.*

With more than 300 photographs, this 192-page full colour 32x22.5 cm coffee table book reveals the architectural photographs of the construction of the church, and the yearly calendar events at the sanctuary, accompanied by a vivid and comprehensive narrative by Fr Charles Cini, SDB, and photography and design by Daniel Cilia.

In the Foreword to the book, Bishop of Gozo Mario Grech says: "I firmly believe that the shrine of Ta'Pinu, a promoter of authentic Mariology, plays a pivotal role for the Church and about man, we need to stand Mary. I consider this publication as another valid initiative in this direction." The book is available in hard bound at •50 from the basilica's website *www.tapinu.org*. All profits from the book go the upkeep of the basilica.

A 31x22cm poster of the portrait of Our Lady of Ta'Pinu printed on 250grams Fabriano cotton paper, is being offered free with each book.♦

**Għażiż/a qarrej/ja,**

**jekk int għadek ma ħallastx l-abbonament għas-sena 2010, infakkruk biex mill-aktar fis tieħu ħsieb li ĠĠEDDED L-ABBONAMENT TIEGĦEK fir-Rivista "MADONNA TA' PINU"**





# The Gorney family
## (Michigan USA)
# give THANKS to the Blessed Virgin Mary of Ta' Pinu

On Sunday, August 31th. 1997 at about 3:00 in the morning Ashley woke up with a fever (105.8F) When she got up that morning her eyes were swollen & she still had a high fever. She was perfectly fine the night before. She had no appetite & just wasn't herself. That evening we took her in a children's clinic. The doctor there said that she had an ear infection & gave us antibiotic. The next day she was no better. All she wanted to do was sleep but she couldn't get comfortable. We couldn't take her to the doctor because it was a holiday weekend. Finally Tuesday came & we took Ashley to the doctor as soon as they opened. They ran some tests on her & then we were sent to the hospital to run more tests. When we got some blood tests results we were told rush her to emergency at Children's Hospital in Detroit, Michigan. At first they thought that she was having Kidney failure, then they thought that it could possibly be her Liver, then they said perhaps her Pancreas. Nothing was making sense & the doctors did not know what was wrong with her. Ashley was admitted to the hospital in the INTENSIVE CARE UNIT (ICU). They just kept running blood test after blood test & every Specialist in the hospital came to see her & run there specific tests. She wasn't doing any better on Wednesday & she was retaining all this fluid & was swelling up all over. We, the grandparents ( Frank & Tessie Spiteri) called the family in Gozo on Wednesday & asked them to go to Ta' Pinu to light candles & say some prayers for Ashley. We kept on praying constantly to Madonna Ta Pinu to help her to get better, but she kept on getting worse. On Friday morning she stopped breathing. When we the grandparents got the call Friday morning, telling us that she might not make it, we prayed to Madonna Ta' Pinu all the way to the hospital. As soon as we entered the hospital & saw our daughter Annette crying, I told her, "you believe in Madonna Ta' Pinu! she will give Ashley back to us". They intubated her & were able to bring back, Thank God & Madonna Ta' Pinu. They gave her a dose of IV & a steroid & said if this does not work there was nothing more they could do. Well it worked. We were always devoted to Madonna Ta' Pinu & now a lot more because we believe it was a miracle from HER that Ashley is with us today. Finally the doctors figured out what was happening. Ashley's capillaries were opening & all the fluids that were supposed to run through them were over flowing into her body & it was flooding her heart. We still had a few uneasy days but they were able to stabilize her & she was released after spending 12 in ICU. In January of 1998 the doctor told us to stop giving her the steroid she was on. Since her last episode in November she has been doing good. The doctors are all baffled about what happened with Ashley. We took her to different Specialists & they all conclude that her case is very unique & they don't have any answers. We just hope & pray that it is nothing genetic because we have a son who we would not want anything like this to happen to him. This is a very brief summery of what happened. The agony we suffered is unexplainable. Ashley is now a very happy, vibrant, smart little girl. We the grandparents made a promise to Madonna Ta' Pinu when she was so sick that if she be able to make it to Gozo we present her to Madonna Ta'Pinu & this year we fullfilled our promise.

**Note:** IV Injection is made from ten thousand blood donors. Please let us know when you receive it. Pray for all of us. Bless us. Frank & Tessie. ♦




**Amerika:** Aquilina Martin, Attard Nancy, Camilleri Familja, Campesi Maria, Catapano Marija, Cauchi Josette, Debrincat Joseph, Farrugia Sara, Muscat Marija, Portelli Klementa, Theuma Marija Anita, Vella Salvina, Daren & Schiave.

**Awstralja:** Aquilina Luciana, Attard Zareno, Axiaq Mary, Azzopardi Salvu, Bajada Frances, Baldacchino Jeanette, Bonnici Mary, Borg Doris, Borg Frank & Giovanna, Borg Karmena, Borg Mary, Borg Paul, Buttigieg Mary Cassar Rosemarie, Cremona Sean, Curmi Familja, Farrugia Żarena, Farrugia Grace, Galea Carmen, Galea Lourdes, Galea Marija, Galea Melissa, Galea Rose, Gravina Vince, Grima Lela, Guzman Ġemma, Mercieca Marija & Anthony, Mifsud Familja, Mizzi Mario, Muscat A., Said Frank, Sultana Anthony, Sultana Gracy, Sultana Monte, Sultana N.F., Vassallo Doris, Vella Mary, Vella Wistin, Xerri Joseph, Xuereb Familja, Xuereb Frank & Tereża, Zammit Mary, Charie & Grace, Julia.

**Ewropa:** Blower David, Cotter Gillian, Morris Brian, Rance Ane, Staise Carmen, Sultana Mary.

**Għawdex:** Agius John, Agius Manwel, Attard Ġemma, Attard Charlotte & Daucity, Attard Joseph, Attard Margaret, Attard Marianne, Attard Marija, Attard Miriam, Attard Pawla, Attard Rita, Attard Roża, Axiaq Mary, Azzopardi Ġuża, Azzopardi Charlene, Azzopardi Diane, Azzopardi Francis, Azzopardi Natalina, Azzopardi Rita, Bajada Ġlġa, Bajjada Giovanna, Bajjada Lucy, Bajjada Rita, Borg Robert, Bugeja Nicole, Bugeja Tereża, Buttigieg Familja, Buttigieg Geneve, Buttigieg Gracy, Buttigieg Katerina, Buttigieg Marija, Buttigieg Tania, Buttigieg Toni, Camilleri Gerita, Camilleri Mary Rose, Caruana Anna, Cassar Ġolina, Cassar Angela, Cassar Carmela, Cassar Francis, Cassar Karmnu, Cauchi Angela, Cauchi Nikolina, Cefai Salvina, Cilia Mizzi Joseph, Cordina Frances, Costa Carmen, Costa Karmena, Curmi Charlene, Cutajar Phyllis, Day George, Debono Familja, Debono Marija, Dimech Catherine, Farrugia Familja, Farrugia John, Farrugia Stella, Formosa Marija, Galea Ġinizia, Galea Ġuża, Galea Divina, Gauci Analise, Gauci Carmelo, Gauci Eugenio, Gauci Marija, Grech Josephine, Grech Rita, Grech Rose, Grima Emanuela, Grima Loraine, Grima Mary, Haber Klementa, Hili Sunta, Magro Franky, Magro Karen, Mercieca Tarcisio, Mercieca Teddy, Micallef Manwel, Moffitt Josephine, Muscat Anthony, Muscat Joe, Muscat Koronata, Pisani Rose Marie, Portelli Agnese, Portelli Anthony, Portelli Charlene, Portelli Clyde, Portelli Greta, Portelli Joe, Portelli Marija, Portelli Mary, Portelli Paulina, Portelli Rose, Portelli Teddy, Rapa Karmena, Refalo Rosaria, Refalo Rose, Refalo Paul, Sacco Brian, Said Frances, Said Kelina, Said Maria, Said Walter, Sammut Joseph, Sammut Marija, Sammut Rose, Spiteri Ġuża, Spiteri Loreta, Spiteri Marija, Spiteri Pawlu, Spiteri Philip, Spiteri Rose, Stellini Victor, Sultana Angelique, Sultana Anna, Sultana Charlene, Sultana Doris, Sultana Furta, Sultana Liża, Sultana Mariġwann, Sultana Marija, Sultana Michael, Sultana Nazzareno, Sultana Rosaria, Tabone Rita, Theuma Jane, Vassallo Ġużeppi, Vassallo Zarenu, Vella Ġużepp, Vella Jamie, Vella Joe, Vella Mary, Vella Richard, Vella Sean George, Vella Tereża, Xerri Anġlu, Xerri Familja, Xerri Karmena, Xuereb Lina, Zammit Louis, Zammit Salvina, Maria Assunta.

**Malta:** Abela M., Abdilla Doris, Abela Jesmond, Abela Maria, Agius Charlie, Agius Josephine, Agius Mary, Agius Mikelina, Agius Rita, Agosintjani Sorijiet, Aquilina Doreen, Aquilina Doris, Aquilina Iris, Aquilina Lawrence, Aquilina Mary Rose, Aquilina Ruth, Ashmar Mary, Attard Ġemma, Attard Marianne, Attard Mariella, Attard Maryanne, Attard Tereża, Axiaq Rosanne, Azzopardi Anhnie, Azzopardi Annie, Azzopardi Francis, Azzopardi Rita, Bajada Tony, BarbaraCarme n, Barbara Josephine, Barbara Mariella, Bartolo Doris, Bartolo Joe, Bartolo Mary Rose, Bezzina Gaetano, Bianco Josephine, Bondin Marthese, Bonnici Nicholas, Bonnici Rita, Bonnici Sylvia, Borg Antoinette, Borg Carmen, Borg Charles, Borg Doris, Borg Lucrezia, Borg Mary Grace Borg Miriam, Borg Rita, Borg Salvu, Borg Tiziana, Briffa Sylvia, Bugeja John Bugeja Magda, Bugeja Victor, Buhagiar Familja, Buhagiar Rose, Cachia Mary, Cachia Phyllis, Callejja Tereża, Camilleri Annie, Camilleri Espedi to, Camilleri Josephine, Camilleri Kathy, Cangura Carmelo, Carabot Anna, Caruana Ġorġ, Caruana Damien, Caruana Mary Grace Cassar Camille, Cassar Doris, Cassar Placeda, Cassar Rita, Castillo Vivienne, Cauchi Anġlu, Cauchi Tereża, Chircop Rita, Ciantar Rita, Cilia Mizzi Carmelo, Cilia Mizzi, Cini M'Anne, Cortis Marija, Cremona Mary, Cuschieri Isaac, Cuschieri Josephine, Cutajar Sylvia, D'Amato Carmen, Darmenia Marstell, Debattista Alan, Deguara Esther, Deguara John, Delia Sonia, Ebejer Ċetta, Enriquez John Paul, Eyre Jo, Falzon Rose, Falzon Salvatore, Farrugia Antonia, Farrugia Doris, Farrugia Kathy, Farrugia Mario, Farrugia Marlon, Farrugia Pauline, Farrugia Sandra, Farrugia Susan, Felici Sapjenza, Fenech Catherine, Fenech Charlie, Fenech George, Fenech Spiridiona, Formosa Emma,. Francalanza Lina, Frendo Anna, Frendo Ivan, Galea Ġuża, Galea Annie, Galea Estelle, Galea John, Galea Lu'ija, Galea Marija, Galea Mary, Gatt Raymonda, Gauci John, Gauci Josephine, Gauci Marija, Gerada Michelle, Giglio Tony, Giordmaina Mandy, Grech Josephine, Grima Josephine, Grima

(Ikompli f'paġna 36)



# Preżentazzjoni tat-Trabi lill-Madonna Ta' Pinu

miġbura minn Edward Depasquale

## Jannar - Ġunju 2010

**Afrika:** Gauci Alexandr Jo.

**Amerika:** Bugeja Jeremy, Camilleri Hailey.

**Awstralja:** Hickman Aiden.

**Ewropa:** Sanderheere Ines.

**Għawdex:** Agius Diego, Attard Carissa, Attard Colette, Attard Attard Julian, Attard Keith, Attard Nathan, Axiaq Demicoli Hailey Joy, Azzopardi Asia, Azzopardi Jayden, Azzopardi Maya Anne, Bajada Clint, Bajada Riana, Bigeni Etienne, Borg Kirsty, Bugeja Georgie, Bugeja Maria Lourdes, Bugeja Niamh Marie, Buttigieg Elisa, Buttigieg Hayley, Camenzuli Ian, Camilleri Bertha, Camilleri Katia, Camilleri Kian, Camilleri Marie Clarissa Camilleri Melanie, Camilleri Samwel, Camilleri Zak, Cardona Alyssia, Cassar Kayleigh, Cefai Maris, Cilia Ricardo, Cini Kurt, Cutajar Jacob, Debono Craig Carl Debono Kirsty Mae, Debrincat Chiara, Enriquez Makaila, Falzon Miriam, Farrugia Adria Marie, Farrugia Analiża, Farrugia Chayanne, Farrugia Chayanne, Farrugia Clive, Farrugia Miguel, Farrugia Rianne, Farrugia Trisha, Formosa Clive, Gatt Jordai, Gatt Miguel, Grech Chayanne, Grech Hayden, Grech Martina, Grech Shaya, Grima Francesca, Hili Jan, Hili Kaydin, Hili Kurt, Mercieca David, Mercieca Hayley, Mercieca Kelly, Mercieca Nicholas, Mifsud Yasmin Marie, Mizzi William, Muscat Neil, Pace Danielle, Pace Kylie Marie, Pace Melvin, Pace Naomi, Pisani Aidan Kane, Portelli Sarah, Portelli Shayden, Rapa Rhiana, Refalo Andreas, Refalo Isqaac, Saliba Antonia, Saliba Keran, Saliba Owen, Sciberras Hailey, Spiteri Anthony, Stellini Nikos, Sultana Shirley, Tabone Hannah, Tabone Laura, Tabone Lucas, Theuma Maya, Vassallo Hannah, Vassallo James, Vella Aiden Vella Ali'ia, Vella Carlton, Vella David, Vella Keith, Vella Kristina, Vella Kurt, Vella Martina, Vella Mattia, Xerri Sebastian, Xuereb Marilyn, Zerafa Jacob, Zerafa Nick., Camilleri Luciano, Cauchi Clive, Cauchi Kieran, Grima Ahyah, Portelli Joslyn Rapa Mariah, Rapa Megan.

**Malta:** Alison, Aquilina Kiylon, Attard Sachielle, Attard Thomas, Azzopardi Yasmin, Bartolo Faith, Bezzina Laura, Bianco Luca, Borg Agius Enrico, Brincat Juan, Camilleri Amber, Camilleri Mirei, Caruana Emilia, Caruana Isaac, Caruana Luigi Rocco, Caruana Michela, Chase Pace Michelle, Chetcuti Courtney, Chetcuti Zayden, Cutajar Alessia Nicole, Ellul Matthew, Farrugia Emerlee, Farrugia Michela, Galea Matthias, Gauci Condorato Lauren, Gauci Elena Marie, Grech Isaac, Grech Sebastian, Inguanez Nathan, Mangion Ylenia, Meli Julian, Micallef Anton, Micallef Jaydan, Mifsud Aleksei-Michail, Mizzi Bonello Izaak, Pul;is Nicole, Rossi Carlo, Rossi Stefano, Sawyer Amy, Sawyer Karl, Saydon Aidan, Schembri Ella, Scicluna Julian, Sultana Christine, Tagliaferro Luisa, Tanti Aiden, Tonna Leon, Xuereb Maganne, Xuereb Saydon Enya, Zammit Axl, Zammit Clara, Zammit Kelly, Zammit Teo, Zerafa Faye, Abdilla Jaden, Agius Andreas, Agius Jake Esprit Agius Mark, Aquilina Benjamin, Attard Aiden, Attard Martina, Attard Nikolai, Azzopardi Gabriel, Azzopardi Kyle, Azzopardi Nathan, Bartolo Maraia, Bartolo Randon, Boffa Louisa, Borg Aymee, Borg Christian, Borg Jael, Borg Juan, Borg Matthias, Borg M'Louise, Borg Warren, Briffa Jacob, Bugeja Analise, Bugeja Marija, Bugeja Shaznala, Buttigieg Galea Sienna, Cachia Ella, Calcado Syriah, Calleja Leah, Calleja Mariah, Camilleri April, Camilleri Jake Anthony, Camilleri Rafael, Carter Spiteri Aiden, Cassar Gabriel, Cassar Keerian, Cassar Mariah, Chircop Amy, Ciantar Sarah, Cortis Steve, Cut6ajar Yasmine, Debono Julia, Deguar Kyle, Delia Cheyenne, Dimech Adam, Dimech Lisa, Dimech Luke, Falzon Amber, Farrugia Ayle, Farrugia Giuseppe, Farrugia Kade, Farrugia Martina, Farrugia Matthew, Farrugia Michael, Farrugia Thais, Fenech Emma Marie, Frendo Martina, Gafa' Thomas, Galea Ana, Gatt Larry, Gatt Martina, Gauci Francesc Marija Anne, Grech Miguel, Micallef Francois, Micallef Kaiya, Mifsud Matthias, Montesin Luke, Muscat Adam Adrian, Muscat Kalye, Pace Valentina, Psaila Kaelyn, Pulis Celine, Sammut Mikela, Sarcia Zamkin, Scalpello Hammett Gianluca, Scerri Lara, Schembri Ethan, Schembri Luca, Schembvri Kylie, Spiteri Jonpeter, Stafrace Chirstan, Stafrace Iacca, Stafrace Rosianne, Testa Julia, Ungaro Jasmine, Ungaro Melissa, Vasallo Michael, Vassallo Clara, Vella Alec Charles, Vella Cappello Kate, Vella Cherise, Vella Jake, Vella James Carlos, Vella Kade, Vella Katin Marie, Vella Kresta, Vella Lenya, Vella Martina, Vella Shania, Wadi Hana, Zahra Andrea, Zahra Francesca, Zahra Shannah, Zahra Victoria, Zammit Clarisse, Zammit Hannah.

---

(ikompli minn paġna 35)

## Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema

Karmenu, Guliano Emilia, Harrington Carol, Magrin Evelyn, Magro Marthese, Mallia Charles, Mallia Charles, Mallia Charlie, Mangion Edward, Mercieca Anton, Mercieca Josephine, Micallef Annie, Micallef Doris, Micallef Josephine, Micallef Louis, Micallef Madelene, Micallef Salvina, Mifsud Carmen, Mifsud Pauline, Mifsud Rita, Montebello Doris, Montebello Liberata, Muscat Charles, Muscat Maryanne, Muscat Paul, Pace Charmaine, Pace Francis, Pace Ramon, Pisani Antoinette, Pisani Rita, Piscopo Julie, Portelli Charlene, Portelli Sr. Raymonda, Puli Mary, Pulis Marija, Pulis Philip, R. Lourdes, Saliba Alphonse, Saliba Doris, Sammut Josephine, Sammut Pawlu, Sarakinos Denise, Schembri Margaret, Spiteri A.J., Spiteri Doreen, Spiteri Joseph, Sultana Jane, Sultana Marianne, Sultana Marija, Sultana Marion, Taylor Laura, Tedesco Marija, Testa Giovanna, Theuma Marija,Vassallo Maria Assunta, Vella Anna, Vella Antonia, Vella Daren & Marylynn, Vella Marlene, Vella Rita, Xerri Domnic, Young Mary, Zammit Iris, Zammit Jeanette, Zammit Salvina, Zammit Sylvia, Zerafa Charles, Catherine, Jennifer, Josephine, Polly, Rodney & Sharon



# Is-Santwarju Nazzjonali ta' Pinu jieħu għajnuna finanzjarja mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) 2007-2013

## Proġett: "Niskopru Turiżmu Kulturali u Reliġjuż f'Għawdex"

Is-Santwarju Nazzjonali ta' Pinu qed jingħata għajnuna finanzjarja mill-EU wara li applika għal *grant* taħt il-**Fondi ta' Koeżjoni għal Malta 2007 - 2013. Din l-għajnuna ta' 85% fuq proġett ta' •400,000, ser tingħata biex isir xogħol li jgħin biex jerġa jinfetaħ mill-ġdid il-Mużew Dar Karmni Grima kif ukoll biex jiġu rrestawrati 12 il-pittura, xogħol l-artist Malti Joseph Briffa.**

**Ix-xogħol fuq il-mużew ser jikkonsisti filli jsir xi xogħol strutturali, sistemi ġodda ta' dwal, preżentazzjoni awdjo-viżiva tal-ħajja ta' Karmni Grima u l-messaġġ li rċeviet mingħand il-Madonna, jiġi stallat lift biex ikun hemm aċċessibilita` għal kulħadd u ssir sistema ta' użu mill-enerġija solari biex hekk jitnaqqas il-ħela tal-enerġija u emissjonijiet tal-karbonju.**

Il-ħsieb wara dan l-investiment huwa li l-mużew ikun attrezzat kif jitolbu l-ħtiġijiet ta' mużewijiet fid-dinja tal-lum u allura jiġbed turiżmu reliġjuż lejn pajjiżna b'enfasi lejn il-Gżira ta' Għawdex. It-turiżmu reliġjuż huwa qasam importanti ferm fl-industrija turistika u diversi siti reliġjużi jgħinu mhux ftit lil dan is-settur fil-pajjiż fejn jinsabu. Huwa stmat li madwar 300 sa 330 miljun pellegrin iżuru siti reliġjużi madwar id-dinja. Il-ħsieb prinċipali tar-Rettur tas-Santwarju huwa fuq kollox li permezz tal-Mużew Dar Karmni Grima jinxtered iktar il-messaġġ li l-Madonna għaddiet lil din ix-xbejba sempliċi f'Ta' Pinu.

Max-xogħolijiet li ser isiru fil-Mużew ser jiġu rrestawrati ukoll 12-il pittura ta' Joseph Briffa li jinsabu riprodotti fil-mużajk ġewwa s-Santwarju Ta' Pinu. Dan il-wirt aritistiku juri 12-il episodju mill-ħajja tal-Madonna u li kien sar bejn l-1948 u l-1952. Dan ser ikun it-tieni sett ta' arti ta' valur imprezzabli li s-Santwarju ser irodd lura bħala patrimonju nazzjonali biex ikun jista' jitgawda minn kulħadd wara li sentejn ilu tlesta r-restawr fuq il-pittura ta' Emvin Cremona. Ir-restawr tal-pittura ta' Joseph Briffa li diġa beda, ġie fdat f'idejn Fr Charles Vella u Joanna Hili Micallef li żgur għandhom l-esperjenza neċessarja biex jagħmlu dan ir-restawr li huwa neċessarju.

Ix-xogħol kollu, kemm fuq il-Mużew, kif ukoll fuq ir-restawr tal-arti, għandu jieħu madwar sentejn. Ix-xoghol ta' restawr tal-mużew tad-Dar ta' Karmni Grima għandu jibda dalwaqt hekk kif il-MEPA tapprova l-proposti mressqa.








*rigal sabiħ lill-familja*
*u lill-emigranti tagħna...*

# KALENDARJU 2011

*Tifkira mill-isbaħ tal-ġrajjiet*
*tas-Santwarju marbuta*
*maż-żjara tal-Papa Beneditt u XVI*
*f'Malta*

PREZZ
€2.50

NEWSPAPER POST

**Jinkiseb mis-Santwarju Ta' Pinu**